

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ksieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

ta' l-10 ta' Novembru, 2006,

dwar il-qafas legali għar-rappurtar tal-kontabilità u dak finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali

(*BĊE/2006/16*)

(2006/887/KE)

(ĠU L 348, 11.12.2006, p. 1)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2007	L 42	85	16.2.2008
► <b><u>M2</u></b>	Linja ta' gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2008	L 36	46	5.2.2009
► <b><u>M3</u></b>	Linja Gwida BĊE/2009/18 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Lulju 2009	L 202	65	4.8.2009
► <b><u>M4</u></b>	Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2009	L 348	75	29.12.2009



**LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**  
**ta' l-10 ta' Novembru, 2006,**  
**dwar il-qafas legali għar-rappurtar tal-kontabilità u dak finanzjarju**  
**fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali**

*(BĊE/2006/16)*

(2006/887/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikoli 12.1, 14.3 u 26.4,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skond it-tieni u t-tielet inċiżi ta' l-Artikolu 47.2 ta' l-Istatut,

Billi:

- (1) Is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) hija suġġetta għal obbligi ta' rappurtar skond l-Artikolu 15 ta' l-Istatut.
- (2) Skond l-Artikolu 26.3 ta' l-Istatut, il-Bord Eżekuttiv iħejji karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-SEBĊ għal skopijiet analitiċi u operattivi.
- (3) Skond l-Artikolu 26.4 ta' l-Istatut, għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 26 ta' l-Istatut il-Kunsill Governattiv jistabbilixxi r-regoli meħtieġa għall-istandardizzar tar-rappurtar tal-kontabilità u finanzjarju ta' l-operazzjonijiet imwettqa mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi).
- (4) Il-kxif fir-rigward tal-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, ir-remunerazzjoni ta' krediti/debiti netti interni għall-Eurosistema li jirriżultaw mill-allokazzjoni tal-karti tal-flus euro fl-Eurosistema u d-dħul monetarju għandhom ikunu armonizzati fir-rendikonti finanzjarji annwali ppubblikati tal-BĊNi. L-elementi li għandhom jiġu armonizzati huma indikati b'asterisk fl-Annessi IV, VIII u IX.
- (5) Il-Linja ta' Gwida BĊE/2002/10 tal-5 ta' Diċembru, 2002, dwar il-qafas legali għal rappurtar tal-kontabilità u finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali <sup>(1)</sup> teħtieġ tibdil sinifikanti. Mill-1 ta' Jannar 2007, is-SEBĊ se tuża l-metodu ekonomiku biex tirreġistra tranżazzjonijiet tal-kambju fi flus barranin, strumenti finanzjarji ddenominati f'valuta barranija u akkumulazzjonijiet relatati. Huwa mixtieq għal raġunijiet ta' ċarezza li l-Linja ta' Gwida tiġi kkonsolidata f'test wieħed,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-iskopijiet ta' din il-Linja ta' Gwida:

<sup>(1)</sup> ĠU L 58, 3.3.2003, pġ. 1.

**▼B**

- (a) “banek ċentrali nazzjonali” (BĊNi) tfisser il-BĊNi ta’ l-Istati Membri li jkunu adottaw l-euro;
- (b) “Eurosistema” tfisser il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ta’ l-Istati Membri li jkunu adottaw il-euro;
- (c) “skopijiet ta’ rappurtar tal-kontabilità u finanzjarju ta’ l-Eurosistema” tfisser l-iskopijiet li għalihom il-BĊE jipproduċi r-rendikonti finanzjarji mmiżzla fl-Anness I skond l-Artikoli 15 u 26 ta’ l-Istatut;
- (d) “entità ta’ rappurtar” tfisser il-BĊE jew xi BĊN;
- (e) “data ta’ rivalutazzjoni trimerstrali” tfisser id-data ta’ l-aħħar jum kalendarju ta’ trimestru;
- (f) “konsolidazzjoni” tfisser il-proċess tal-kontabilità fejn il-figuri finanzjarji ta’ numru ta’ entitajiet legali separati huma aggregati bħallikieku kienu entità waħda;
- (g) “sena tat-tibdil tal-flus kontanti” tfisser perijodu ta’ 12-il xahar mid-data li fiha l-karti tal-flus u l-muniti euro jakkwistaw l-istatus ta’ valuta legali fi Stat Membru li jkun adotta l-euro.
- (h) “skema ta’ l-allokkazzjoni tal-karti tal-flus” tfisser il-persentaġġi li jirriżultaw mill-kunsiderazzjoni tas-sehem tal-BĊE fil-ħarġa totali tal-karti tal-flus euro u mill-applikazzjoni ta’ l-iskema tal-kapital sottoskritt għas-sehem tal-BĊN f’dak it-total, skond id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta’ Diċembru 2001, dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus euro <sup>(1)</sup>;

**▼M3**

- (i) “istituzzjoni ta’ kreditu” tfisser jew: (a) istituzzjoni ta’ kreditu fit-tifsira ta’ l-Artikoli 2 u 4(1)(a) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2006 dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu (abbozzata mill-ġdid) <sup>(2)</sup>, kif implimentata fil-liġi nazzjonali, li hija suġġetta għal superviżjoni minn awtorità kompetenti; jew (b) istituzzjoni oħra ta’ kreditu fit-tifsira ta’ l-Artikolu 101(2) tat-Trattat li hija suġġetta għal skrutinju ta’ livell li jitqabbel mas-superviżjoni minn awtorità kompetenti;

**▼B**

- 2. Id-Definizzjonijiet ta’ termini tekniċi oħra wżati f’din il-Linja ta’ Gwida huma mehmużin bħala Anness II.

*Artikolu 2***Skop ta’ applikazzjoni**

- 1. Din il-Linja ta’ Gwida għandha tapplika għall-BĊE u għall-BĊNi għall-iskopijiet tar-rappurtar tal-kontabilità u finanzjarju.
- 2. L-iskop ta’ applikazzjoni tal-Linja ta’ Gwida għandu jkun illimitat għar-reġim ta’ rappurtar tal-kontabilità u finanzjarju ta’ l-Eurosistema stabbilit bl-Istatut. Bħala konsegwenza, ma tapplikax għar-rapporti nazzjonali u kontijiet finanzjarji tal-BĊNi. Sabiex tintlaħaq konsistenza u kumparabilità bejn ir-reġimi nazzjonali u l-Eurosistema, huwa rakkomandat li l-BĊNi għandhom, safejn possibbli, isegwu r-regoli stabbiliti f’din il-Linja ta’ Gwida għar-rapporti nazzjonali u l-kontijiet finanzjarji.

*Artikolu 3***Prinċipji tal-kontabilità fundamentali**

Il-prinċipji tal-kontabilità fundamentali li ġejjin għandhom japplikaw:

<sup>(1)</sup> ĠU L 337, 20.12.2001, p. 52. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni BĊE/2004/9 (ĠU L 205, 9.6.2004, p. 17).

<sup>(2)</sup> ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

## ▼B

- (a) Realtà ekonomika u trasparenti: il-metodi tal-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju għandhom jirriflettu r-realtà ekonomika, għandhom ikunu trasparenti u għandhom jirrispettaw il-karatteristiċi kwalitattivi ta' leġibilità, rilevanza, affidabilità u paragunabilità. Għandu jkun hemm kontabilità tat-tranżazzjonijiet u għandhom ikunu ppreżentati skond is-sustanza u r-realtà ekonomika tagħhom u mhux biss bil-forma legali tagħhom;
- (b) prudenza: il-valutazzjoni ta' l-attiv u l-passiv u r-rikonoxximent tad-dħul għandhom isiru bi prudenza. Fil-kuntest ta' din il-Linja ta' Gwida, dan jimplika li qligħ mhux realizzat m'għandux ikun rikonoxxut bħala dħul fil-kont tal-qligħ u t-telf, imma għandu jkun irregiŕtrat direttament f'kont ta' rivalutazzjoni u waqt li telf mhux realizzat għandu jittieħed fi tmiem is-sena għall-kont tal-qligħ u t-telf jekk huwa jaqbeż il-qligħ ta' qabel ta' rivalutazzjoni rregiŕtrat fil-kont korrispondenti ta' rivalutazzjoni. Riżervi moħbija jew stqarrija ħażina għal t'apposta ta' elementi fil-karta tal-bilanċ u fil-kont tal-qligħ u t-telf huma inkonsistenti mal-prinċipju tal-prudenza;
- (c) ġrajjet post-karta tal-bilanċ: l-attiv u l-passiv għandu jkun aġġustat għall-ġrajjet li jsiru bejn id-data tal-karta tal-bilanċ annwali u d-data li fiha l-istqarrijiet finanzjarji huma approvati mill-korpi rilevanti jekk huma jaffettwaw il-kundizzjonijiet ta' attiv jew passiv fid-data tal-karta tal-bilanċ. M'għandu jsir l-ebda aġġustament għal attiv jew passiv, imma għandu jkun hemm żvelar ta' dawk il-ġrajjet li jsiru wara d-data tal-karta tal-bilanċ li ma jaffettwawx il-kundizzjoni ta' l-attiv u l-passiv fid-data tal-karta tal-bilanċ, imma li huma ta' importanza li n-nuqqas ta' żvelar jaffettwa l-abbiltà ta' l-utenti tar-rendikonti finanzjarji biex wieħed jagħmel valutazzjonijiet u deċiżjonijiet xierqa;
- (d) materjalità: devjazzjonijiet mir-regoli tal-kontabilità, inklużi dawk li jaffettwaw il-kalkolu tal-kontijiet tal-qligħ u t-telf tal-BĊNi individwali u tal-BĊE, għandhom jitħallew biss jekk huma jstgħu jiġu kkunsidrati b'mod raġonevoli bħala immaterjali fil-kuntest sħiħ u l-preżentazzjoni tal-kontijiet finanzjarji ta' l-entità tar-rappurtar;
- (e) kontinwità operattiva: il-kontijiet għandhom ikunu ppreparati fuq bażi ta' kontinwità operattiva;
- (f) il-prinċipju ta' akkumulazzjonijiet: id-dħul u l-ispejjeż għandhom ikunu rikonoxxuti fil-perijodu tal-kontabilità li fih isiru u mhux fil-perijodu li huma jkunu ġew riċevuti jew imħallsa;
- (g) konsistenza u kumparabilità: il-kriterji għal valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ u rikonoxximent tad-dħul għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti f'dak li jirrigwarda l-komunalità u l-kontinwità tal-metodu fi ħdan l-Eurosistema biex tiġi żgurata kumparabilità tad-data fl-istqarrijiet finanzjarji.

## Artikolu 4

**Rikonoxximent ta' l-attiv u l-passiv**

Attiv/passiv finanzjarju jew xi attiv/passiv ieħor għandu jkun rikonoxxut biss fil-karta tal-bilanċ ta' l-entità tar-rappurtar meta:

- (a) huwa probabbli li kwalunkwe benefiċċju ekonomiku futur assoċjat ma' l-element ta' l-attiv jew il-passiv se jiċċaqlaq lejn jew mill-entità tar-rappurtar;

u

- (b) b'mod sostanzjali r-riskji u l-benefiċċji kollha assoċjati ma' l-attiv jew il-passiv ikunu ġew ittrasferiti lill-entità tar-rappurtar;

u

▼ B

- (c) l-ispiża jew il-valur ta' l-attiv lill-entità ta' rappurtar jew l-ammont ta' l-obbligazzjoni jistgħu jitkejlu b'mod li wieħed jista' joqgħod fuqu.

*Artikolu 5***Metodu ekonomiku u metodu tal-flus kontanti/ħlas**

1. Il-metodu ekonomiku għandu jintuża bħala l-bażi għar-reġistrazzjoni ta' tranżazzjonijiet tal-kambju, strumenti finanzjarji iddenominati f'valuta barranija u akkumulazzjonijiet relatati. Żewġ tekniċi differenti għew żviluppatti biex jimplimentaw dan il-metodu:

- (a) il-“metodu” “regolari” kif stabbilit fil-Kapitoli III u IV u Anness III;  
u  
(b) il-“metodu” “alternattiv” kif stabbilit f'Anness III.

▼ M2

2. Tranżazzjonijiet ta' titoli inkluż strumenti ta' ishma azzjonarji iddenominati f'valuta barranija jistgħu jkomplu jiġu rreġistrati skont il-metodu tal-flus kontanti/ħlas. L-imgħax relatat akkumulat inklużi *premiums* jew skontijiet għandhom ikunu rreġistrati kuljum mid-data tal-*ispot settlement*.

▼ B

3. Il-BĊNi jistgħu jużaw jew il-metodu ekonomiku jew il-metodu tal-flus kontanti/ħlas biex jirreġistraw tranżazzjonijiet speċifiċi iddenominati fl-euro, strumenti finanzjarji u akkumulazzjonijiet relatati.

4. Bl-eċċezzjoni ta' l-aġġustamenti tal-kontabilità ta' tmiem it-trimestru u ta' tmiem is-sena, u ta' l-elementi żvelati taħt “Attiv ieħor” u “Passiv ieħor”, l-ammonti ppreżentati bħala parti mir-rappurtar finanzjarju ta' kuljum għall-iskopijiet ta' rappurtar finanzjarju ta' l-Eurosistema għandhom juru biss iċ-ċaqliq tal-flus kontanti fl-elementi tal-karta tal-bilanċ.

## KAPITOLU II

**KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ***Artikolu 6***Kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ**

Il-kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE u tal-BĊNi għal skopijiet ta' rappurtar finanzjarju ta' l-Eurosistema għandha tkun ibbażata fuq l-istruttura stabbilita fl-Anness IV.

*Artikolu 7***Regoli tal-valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ**

1. Ir-rati u l-prezzijiet tas-suq perzenti għandhom jintużaw għal skopijiet ta' valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ ħliet jekk jiġi speċifikat mod ieħor fl-Anness IV.

▼ M2

2. Ir-rivalutazzjoni tad-deheb, strumenti ta' valuta barranija, titoli li mhumiex titoli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità u titoli mhux negozzjabbli kif ukoll strumenti finanzjarji, kemm jekk *on-balance-sheet* kif ukoll jekk *off-balance-sheet*, għandhom jitwettqu skont id-data ta' rivalutazzjoni trimestrali skont ir-rati u l-prezzijiet *mid-market*. Dan m'għandux jipprekludi entitajiet ta' rappurtar milli jivvalutaw mill-ġdid il-portafolli tagħhom b'mod aktar frekwenti għal skopijiet interni,

▼ **M2**

bil-kundizzjoni li huma jirrapurtaw elementi fil-karti tal-bilanċ biss skont il-valur tat-tranżazzjoni matul it-trimestru.

▼ **M4**

3. M'għandha ssir ebda distinzjoni bejn id-differenzi li jiġu mir-rivalutazzjoni tal-prezz u l-valuta għad-deheb, iżda għandu jingħata kont għal differenza fir-rivalutazzjoni tad-deheb, ibbażat fuq il-prezz f'euro għal kull unita' definita tal-prezz tad-deheb li jirriżulta mir-rata tal-kambju euro/dollaru Amerikan fid-data tar-rivalutazzjoni trimestrali. Ir-rivalutazzjoni għandha ssir b'mod separat għal kull valuta għall-flus barranin, inklużi t-transazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ u barra l-karta tal-bilanċ, u skont il-kodiċi, jiġifieri l-istess numru ISIN/tip għat-titoli, ħlief għal dawk it-titoli inklużi fl-entrati "Attiv finanzjarju ieħor" jew "Varji", jew titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja, li għandhom jiġu ttrattati bħala titoli separati.

▼ **B**

4. *Bookings* ta' rivalutazzjoni għandhom jitregġaw lura fi tmiem it-trimestru ta' wara, bl-eċċezzjoni għal telf mhux realizzat imqiegħed fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena; matul it-trimestru kwalunkwe tranżazzjonijiet għandhom ikunu rrapurtati skond preżżijiet u rati ta' tranżazzjoni.

▼ **M4**

5. Titoli kklassifikati bħala marbutin sal-maturità għandhom jiġu ttrattati bħala titoli separati, jiġu stmati bħala spejjeż amortizzati u jkunu soġġetti għall-indeboliment. L-istess trattament għandu jingħata lil titoli li mhumiex negozjabbli. Titoli klassifikati bħala marbutin sal-maturità jistgħu jinbiegħu qabel l-iskadenza tagħhom:

- (i) jekk il-kwantita' mibjugħa hija meqjusa bħala mhux sinifikanti meta mqabbla mal-ammont totali tal-portafoll ta' titoli marbutin sal-maturità; jew
- (ii) jekk it-titoli jinbiegħu matul ix-xahar tad-data tal-maturità; jew
- (iii) f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal deterjorazzjoni sinifikanti tal-kredibilita' ta' min joħroġ u jbiegħ it-titoli, jew wara deċiżjoni espliċita dwar il-politika monetarja mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE.

▼ **B***Artikolu 8***Tranżazzjonijiet b'lura**

1. Tranżazzjoni b'lura (*reverse transaction*) imwettqa skond ftehim ta' xiri mill-ġdid għandha tkun irreġistrata bħala depożitu riċevut (*inward*) iggarantit fin-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, filwaqt li l-element li jkun ġie pprovdut bħala garanzija għandu jibqa' fuq in-naħa ta' l-attiv tal-karta tal-bilanċ. Titoli mibjugħa li għandhom jinxtraw mill-ġdid skond ftehim ta' xiri mill-ġdid għandhom ikunu ttrattati mill-entità ta' rappurtar, li hi mitluba biex tixtrihom, bħallikieku l-attiv partikolari kien għadul parti mill-portafoll li minnha huma jkunu nbiegħu.

2. Tranżazzjoni b'lura mwettqa skond ftehim b'lura ta' xiri mill-ġdid għandha tkun irreġistrata bħala self 'il barra iggarantit fin-naħa ta' l-attiv tal-karta tal-bilanċ għall-ammont tas-self. Titoli akkwistati skond ftehim ta' xiri mill-ġdid m'għandhomx ikunu vvalutati mill-ġdid u l-ebda qligħ jew telf li jirriżulta m'għandu jitqiegħed fil-kont tal-qligħ u t-telf mill-entità ta' rappurtar li ssellef il-flus.

3. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli, it-titoli għandhom jibqgħu fil-karta tal-bilanċ ta' min jittrasferixxi. Il-kontabilita' ta' dawn it-tranżazzjonijiet għandha ssir bl-istess mod bħal dak preskritt għal operazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid. Jekk, madankollu, it-titoli li tissellef l-entità ta' rappurtar li taġixxi bħala dik li tittrasferixxi ma jinżammux fil-kont tal-kustodja tagħha fl-aħħar tas-sena, dak li jittrasferixxi għandu jistabilixxi provvediment għal telf jekk il-valur tas-suq tat-titoli ikun tela' mid-data tal-kuntratt tat-tranżazzjoni tas-self. Min

**▼B**

jittrasferixxi għandu juri passività għat-trasferiment mill-ġdid tat-titoli jekk sadanittant it-titoli jkunu nbiegħu.

4. Tranżazzjonijiet fid-deheb iggarantiti għandhom ikunu ttrattati bħal ftehim ta' xiri mill-ġdid. Il-flussi tad-deheb li għandhom x'jaqsmu ma' dawn it-tranżazzjonijiet iggarantiti m'għandhomx ikunu rreġistrati fir-rendikonti finanzjarji u d-differenza bejn il-prezz *spot* u dak bil-quddiem tat-tranżazzjoni għandha tkun ittrattata fuq bażi ta' l-akkumulazzjonijiet.

**▼M2**

5. Tranżazzjonijiet b'lura, inklużi tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli, imwettqa skont programm ta' self ta' titoli awtomatiċi għandhom ikunu rreġistrati biss b'effett fuq il-karta tal-bilanċ fejn il-garanzija hija pprovduta fil-forma ta' flus kontanti mpoġġija f'kont tal-BĊN rilevanti jew tal-BĊE.

**▼B***Artikolu 9***Strumenti ta' ishma azzjonarji negozzjabbli****▼M2**

1. Dan l-Artikolu japplika għal strumenti ta' ishma azzjonarji negozzjabbli, jiġifieri ishma jew fondi azzjonarji, kemm jekk it-tranżazzjonijiet huma mwettqa direttament permezz ta' entità ta' rappurtar kemm jekk permezz ta' aġent tagħha, bl-eċċezzjoni ta' attivitajiet imwettqa għal fondi tal-pensjoni, interessi parteċipanti, investimenti f'sussidjarji, jew interessi sinifikanti.

2. Strumenti ta' ishma azzjonarji ddenominati f'valuti barranin u żvelati taħt "attiv ieħor" m'għandhomx jiffurmaw parti mill-qagħda sħiħa tal-valuta imma għandhom ikunu parti minn *holding* ta' valuta separat. Il-kalkolu tal-qligħ u t-telf tal-kambju relatat jista' ssir jew skont il-metodu tal-ispiża medja netta jew skont il-metodu tal-ispiża medja.

3. Ir-rivalutazzjoni ta' portafolli ta' ishma azzjonarji titwettaq skont l-Artikolu 7(2). Ir-rivalutazzjoni għandha sseħħ fuq bażi ta' element b'element. Għal fondi ta' ishma azzjonarji, ir-rivalutazzjoni tal-prezz għandha ssir fuq bażi netta, u mhux fuq bażi individwali ta' sehem b'sehem. M'għandu jkun hemm l-ebda *netting* bejn ishma azzjonarji differenti jew bejn fondi ta' ishma azzjonarji differenti.

4. It-tranżazzjonijiet għandhom jiġu rreġistrati fil-karta tal-bilanċ bil-prezz tat-tranżazzjoni.

5. Il-kummissjoni għas-senserija tista' tiġi rreġistrata jew bħala spiża tat-tranżazzjoni biex tiġi inkluża fl-ispiża tal-attiv, jew bħala spiża fil-kont tal-qligħ u tat-telf.

6. L-ammont tad-dividend mixtri għandu jiġi inkluż fl-ispiża tal-istrument tal-ishma azzjonarji. Fid-data tal-ex-dividend, l-ammont tad-dividend mixtri jista' jiġi ttrattat bħala partita separata sakemm il-ħlas tad-dividend ikun irċevut.

7. Akkumulazzjonijiet fuq dividendi m'għandhomx jiġu bbukjati fl-aħħar tal-perijodu billi diġà huma riflessi fil-prezz tas-suq ta' strumenti ta' ishma azzjonarji bl-eċċezzjoni ta' ishma azzjonarji kkwotati ex-dividend.

8. Ħruġ ta' drittijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħala attiv separat meta jinħarġu. Il-prezz tax-xiri għandu jiġi kkalkulat skont l-ispiża medja eżistenti tal-ishma azzjonarji, fuq il-prezz *strike* ġdid ta' xiri, u fuq il-proporzjon bejn ishma azzjonarji eżistenti u daww ġodda. Alternattivament, il-prezz tad-dritt jista' jkun ibbażat fuq il-valur tad-dritt fis-suq, l-ispiża medja eżistenti tal-ishma azzjonarji u l-prezz tas-suq tal-ishma azzjonarji qabel il-ħruġ tad-drittijiet.

▼ **M1***Artikolu 9a***Strumenti sintetiċi**

1. Strumenti miġburin flimkien biex jiffurmaw strument sintetiku għandhom ikunu rikonoxxuti u ttrattati separatament minn strumenti oħra, skond id-dispożizzjonijiet ġenerali, ir-regoli ta' valutazzjoni, ir-rikonoxximent tad-dħul u l-obbligi speċifiċi għall-istrumenti stabbiliti f'din il-Linja Gwida.
2. B'deroga mill-Artikoli 3(b), 7(3), 11(1) u 13(2), it-trattament alternattiv li ġej jista' jiġi applikat għall-valutazzjoni ta' strumenti sintetiċi:
  - (a) il-qligħ u telf mhux realizzat ta' l-istrumenti miġburin flimkien biex jiffurmaw strument sintetiku huma *netted* fl-aħħar tas-sena. F'dan il-każ, il-qligħ nett mhux realizzat għandu jiġi rreġistrat f'kont ta' rivalutazzjoni. It-telf nett mhux realizzat għandu jitqiegħed fil-kont tal-profitt u t-telf jekk jeċċedi xi qligħ nett ta' rivalutazzjoni li jkun sar qabel u rreġistrat fil-kont ta' rivalutazzjoni korrispondenti;
  - (b) it-titoli miżmuma bħala parti minn strument sintetiku m'għandhomx jiffurmaw parti mill-*holding* globali ta' dawn it-titoli imma għandhom jagħmlu parti minn *holding* separat;
  - (ċ) it-telf mhux realizzat imqiegħed fil-kont tal-profitt u t-telf fl-aħħar tas-sena u l-qligħ mhux realizzat korrispondenti għandhom ikunu ammortizzati separatament fis-snin sussegwenti.
3. Jekk xi wieħed mill-istrumenti miġburin flimkien jiskadi, jinbiegħ, jintemm jew jintuża, l-entita' li tirrapporta m'għandhiex tkompli b'mod prospettiv it-trattament alternattiv speċifikat fil-paragrafu 2, u kull qligħ ta' valutazzjoni mhux ammortizzat u kkreditat fil-kont tal-profitt u t-telf fis-snin ta' qabel għandu jitreġġa' lura minnufih.
4. It-trattament alternattiv speċifikat fil-paragrafu 2 jista' jiġi applikat biss jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) l-istrumenti individwali huma mmaniġġjati u l-andament tagħhom jiġi vvalutat bħala strument wieħed konġunt, skond strateġija ta' maniment tar-riskju jew strateġija ta' l-investment;
  - (b) mar-rikonoxximent inizjali, l-istrumenti individwali huma strutturati u ndikati bħala strument sintetiku;
  - (ċ) l-applikazzjoni tat-trattament alternattiv telimina jew tnaqqas b'mod sinifikanti xi inkonsistenza fil-valutazzjoni (*valuation mismatch*) li kieku tqum mill-applikazzjoni tar-regoli ġenerali stabbiliti f'din il-Linja Gwida fuq livell ta' strument individwali; u
  - (d) id-disponibbiltà ta' dokumentazzjoni formali li tippermetti biex isodisfazzjon tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi preċedenti a, b u ċ jiġi vverifikat.

▼ **B***Artikolu 10***Karti tal-flus**

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 52 ta' l-Istatut, m'għandux ikun hemm kontabilità ta' karti tal-flus ta' Stati Membri oħra parteċipanti miżmuma minn BĊN bħala karti tal-flus fiċ-ċirkulazzjoni, imma bħala bilanċi interni għall-Eurosistema. Il-proċedura għat-trattament tal-karti tal-flus ta' Stati Membri oħra parteċipanti għandha tkun li ġejj:
  - (a) Il-BĊN li jirċievi l-karti tal-flus iddenominati f'unitajiet ta' valuti taż-żona ta' l-euro nazzjonali maħruġa minn BĊN ieħor għandhom jinnotifikaw kuljum lill-BĊN li joħroġ bil-valur tal-karti tal-flus imħallsa biex jiġu skambjati, ħlief meta xi volum partikolari huwa baxx. Il-BĊN li joħroġ għandu joħroġ ħlas korrispondenti lill-



**▼B**

BĊN li jirċievi permezz tas-sistema ► **M1** TARGET/TARGET2 ◀;

u

- (b) “L-aġġustament tal-figuri tal-‘karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni” għandu jseħħ fil-kotba tal-BĊN li joħroġ hekk kif jirċievi n-notifika msemmija hawn fuq.

2. Il-figura “karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni” fil-karti tal-bilanċ tal-BĊNi għandhom ikunu r-riżultat ta’ tliet komponenti:

- (a) Il-valur mhux aġġustat tal-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, inklużi l-karti tal-flus tas-sena tat-tibdil tal-flus kontanti, iddenominati f’unitajiet ta’ valuta nazzjonali taż-żona ta’ l-euro għall-BĊN li jadotta l-euro, li għandhom ikunu kkalkulati skond wieħed minn dawn iż-żewġ metodi li ġejjin:

Metodu A:  $B = P - D - N - S$

Metodu B:  $B = I - R - N$

Fejn:  
 B huwa l-valur mhux aġġustat ta’ “karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni”  
 P huwa l-valur tal-karti tal-flus maħduma jew riċevuti mill-istampatur jew BĊNi oħra  
 D huwa l-valur tal-karti tal-flus meqruda  
 N huwa l-valur tal-karti tal-flus nazzjonali tal-BĊN li joħroġ miżmuma minn BĊNi (notifikati imma ma jkunux għadhom ripatrijati)  
 I huwa l-valur tal-karti tal-flus imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni  
 R huwa l-valur tal-karti tal-flus riċevuti  
 S huwa l-valur ta’ karti tal-flus fil-ħażna/kamra tas-sigurtà;

- (b) Tnaqqas l-ammont tal-klejm mhux irremunerata fil-konfront tal-bank ECI relatat mal-programm *Extended Custodial Inventory* (ECI), fil-każ ta’ trasferiment ta’ proprjetà tal-karti tal-flus ECI relatati ma’ programm;
- (c) Iżżid jew tnaqqas l-ammont ta’ l-aġġustamenti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta’ l-iskema ta’ l-allokkazzjoni tal-karti tal-flus.

## KAPITOLU III

**RIKONOXXIMENT TAD-DĦUL***Artikolu 11***Rikonoxximent tad-dħul**

1. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għar-rikonoxximent tad-dħul:

- (a) qligħ mhux realizzat u telf realizzat għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf;
- (b) qligħ mhux realizzat m’għandux ikun rikonoxxut bħala dħul, imma rreġistrat direttament f’kont ta’ rivalutazzjoni;
- (c) fi tmiem is-sena telf mhux realizzat għandu jiġi ttrasferit fil-kont tal-qligħ u t-telf jekk jeċċedi qligħ ta’ qabel ta’ rivalutazzjoni rreġistrat fil-kont korrispondenti ta’ rivalutazzjoni;
- (d) telf mhux realizzat ittrasferit fil-kont tal-qligħ u t-telf m’għandux jitreġġa’ lura fi snin sussegwenti kontra qligħ ġdid mhux realizzat;
- (e) m’għandu jkun hemm l-ebda *netting* ta’ telf mhux realizzat fi kwalunkwe titolu, jew fi kwalunkwe valuta jew f’*holdings* tad-deheb kontra qligħ mhux realizzat f’titoli oħra jew valuti jew deheb;

## ▼M4

- (f) fl-aħħar tas-sena, telf minħabba indeboliment għandu jiddaħħal fir-rendikont tal-qligħ u t-telf u m'għandux jiġi rriversjat fis-snin ta' wara sakemm ma jonqosx l-indeboliment u n-nuqqas jista' jintrabat ma' avveniment osservabbli li seħħ wara li l-indeboliment ikun ġie rreġistrat għall-ewwel darba.

## ▼B

2. *Premiums* jew skontijiet li jirriżultaw minn titoli maħruġa u mixtrija għandhom ikunu kkalkulati u ppreżentati bħala parti mid-dħul ta' l-imgħax u għandhom ikunu amortizzati matul il-bqija tal-ħajja tat-titoli, jew skond il-metodu *straight-line* jew skond il-metodu tar-rata interna tad-dħul (IRR). Il-metodu IRR għandu, madankollu, jkun mandatorju għal titoli bi skont li biex jimmaturow ikun fadlilhom aktar minn sena mill-mument meta jinxtrow.

3. Akkumulazzjonijiet għal attiv u passiv finanzjarju e.ż. imgħax pagabbli u *premiums/discounts* amortizzati ddenominati f'valuta barranija għandhom ikunu kkalkulati u rreġistrati fil-kontijiet kuljum, ibbażati fuq l-aħħar rati disponibbli. Akkumulazzjonijiet għal attiv u passiv finanzjarju ddenominati f'euro għandhom ikunu kkalkulati u rreġistrati fil-kontijiet ta' lanqas kull tliet xhur. Akkumulazzjonijiet għal elementi oħra għandhom ikunu kkalkulati u rreġistrati fil-kontijiet ta' lanqas kull sena.

4. Irrispettivament mill-frekwenza tal-kalkolu ta' l-akkumulazzjonijiet imma suġġetti għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(4), l-entitajiet ta' rappurtar għandhom jirrappurtaw data skond il-valur tat-tranżazzjoni matul it-trimestru.

5. Akkumulazzjonijiet ddenominati f'valuti barranin għandhom ikunu tradotti skond ir-rata tal-kambju tad-data tar-reġistar u għandu jkollhom impatt fuq il-pożizzjoni tal-valuta.

6. Ġeneralment, għall-kalkolu ta' l-akkumulazzjonijiet matul is-sena tista' tapplika l-prattika lokali (i.e. jistgħu ikunu kkalkulati jew sa l-aħħar jum ta' negozju jew l-aħħar jum kalendarju tat-trimestru). Madankollu, fi tmiem is-sena id-data ta' referenza mandatorja għandha tkun il-31 ta' Diċembru.

7. *Outflows* tal-valuta li jimplikaw bidla fil-*holding* ta' valuta partikolari jistgħu jagħtu lok għal qligħ jew telf tal-kambju realizzat.

## Artikolu 12

## Spiża ta' tranżazzjonijiet

1. Ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw għall-ispiża tat-tranżazzjonijiet:

- (a) Il-metodu ta' l-ispiża medja għandu jintuża fuq bażi ta' kuljum għad-deheb, strumenti u titoli ta' valuta barranija, biex tiġi kkalkulata l-ispiża ta' l-akkwist ta' oġġetti mibjugħa, wara li jkun ikkunsidrat l-effett tar-rata tal-kambju u tal-/jew movimenti tal-prezz;
- (b) Il-prezz/rata ta' l-ispiża medja ta' l-attiv/passiv għandu jitnaqqas/jiżdied minn telf mhux realizzat ttrasferiti fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena;
- (c) Fil-każ ta' l-akkwist ta' titoli b'imgħax, l-ammont ta' l-imgħax mixtri għandu jkun ittrattat bħala element separat. Fil-każ ta' titoli ddenominati f'valuta barranija, għandu jkun parti mill-*holding* ta' dik il-valuta, imma m'għandux jaffettwa la l-ispiża jew il-prezz ta' l-attiv għall-iskop biex jiġi ddeterminat il-prezz medju, u lanqas il-prezz ta' dik il-valuta.

2. Ir-regoli speċjali li ġejjin għandhom japplikaw għat-titoli:

- (a) tranżazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati skond il-prezz tat-tranżazzjoni u mdaħħla fil-kontijiet finanzjarji skond il-prezz *clean*;

## ▼B

- (b) kustodja u maniġment, tariffi tal-kont kurrenti u spejjeż indiretti oħra m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala spejjeż ta' tranżazzjoni u għandhom ikunu inklużi fil-kont tal-qligħ u t-telf. Huma m'għandhomx ikunu ttrattati bħala parti mill-ispiża medja ta' xi attiv partikolari;
  - (c) id-dħul għandu jkun irreġistrat gross b'taxxi minn ras il-għajn rimborżabbli u taxxi oħra ikkunsidrati separatament;
  - (d) għall-iskop tal-kalkolu ta' l-ispiża medja tax-xiri ta' titoli, jew (i) ix-xiri kollu magħmul matul il-jum għandu jingħadd fuq bażi ta' spiża mal-*holding* tal-jum ta' qabel biex jiġi prodott prezz medju mwieżen ġdid qabel ma jiġi applikat il-bejgħ għall-istess jum; jew (ii) xiri u bejgħ individwali ta' titoli jistgħu jiġu applikati fl-ordni li fiha jkunu saru matul il-jum għall-iskop biex jiġi kkalkulat il-prezz medju rivedut.
3. Ir-regoli speċjali li ġejjin għandhom japplikaw għad-deheb u l-kambju ta' flus barranin:
- (a) tranżazzjonijiet f'valuta barranija li ma jimplikaw l-ebda tibdil fil-*holding* ta' dik il-valuta għandhom ikunu tradotti f'euro, skond ir-rata tal-kambju jew fid-data tal-kuntratt jew tal-ħlas, u m'għandux jaffettwa l-ispiża ta' l-akkwist tal-*holding*;
  - (b) tranżazzjonijiet f'valuta barranija li jimplikaw xi tibdil fil-*holding* ta' dik il-valuta għandhom ikunu tradotti f'euro skond ir-rata tal-kambju tad-data tal-kuntratt;
  - (c) il-ħlas ta' ammonti prinċipali li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet b'lura f'titoli ddenominati f'valuta barranija jew f'deheb għandhom ikunu kkunsidrati li ma jimplikawx tibdil fil-*holding* ta' dik il-valuta jew tad-deheb;
  - (d) riċevuti tal-ħlas u ħlasijiet attwali m'għandhomx ikunu tradotti skond ir-rata tal-kambju fil-jum li fih il-ħlas iseħħ;
  - (e) meta pożizzjoni twila teżisti, *inflows* netti ta' valuti u deheb magħmula matul il-jum għandhom jingħaddu, skond l-ispiża medja ta' l-*inflows* tal-jum għal kull valuta rispettiva u deheb, għall-tal-jum ta' qabel, biex tiġi prodotta rata medja/prezz tad-deheb imwieżen ġdid. Fil-każ ta' *outflows* netti, il-kalkolu tal-qligħ jew telf realizzat għandha tkun ibbażata skond l-ispiża medja tal-valuta rispettiva jew il-*holding* tad-deheb għall-jum preċedenti biex b'hekk l-ispiża medja tibqa' mhux mibdula. Differenzi fir-rata medja/prezz tad-deheb bejn *inflows* u *outflows* magħmula matul il-jum għandhom jirriżultaw ukoll fi qligħ jew telf realizzat. Fejn teżisti pożizzjoni debitorja fir-rigward ta' valuta barranija jew pożizzjoni fid-deheb, għandu japplika t-trattament b'lura għall-metodu msemmi hawn fuq. B'hekk l-ispiża medja tal-pożizzjoni debitorja għandha tkun affettwata minn *outflows* netti, filwaqt li *inflows* netti għandhom inaqqsu l-qagħda skond rata medja/prezz tad-deheb imwieżen eżistenti u għandhom jirriżultaw fi qligħ jew telf realizzat;
  - (f) l-ispejjeż ta' tranżazzjonijiet tal-kambju u spejjeż ġenerali oħra għandhom jitqiegħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

## KAPITOLU IV

**REGOLI TAL-KONTABILITÀ GĦAL STRUMENTI OFF-BALANCE-SHEET***Artikolu 13***Regoli Ġenerali**

1. Tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju, *forward legs* ta' *swaps* tal-kambju u strumenti oħra tal-valuta li jinvolvu skambju ta' valuta waħda ma' oħra f' data futura għandhom ikunu inklużi fil-qagħdiet

**▼B**

netti tal-valuta barranija għall-kalkolu ta' l-ispejjeż medji tax-xiri u l-qligħ u t-telf tal-kambju.

2. Il-kontabilità ta' *l-swaps* tar-rata ta' l-imgħax, tal-*futures*, tal-ftehim tar-rata bil-quddiem, ta' l-istrumenti l-oħra tar-rata ta' l-imgħax u ta' l-opzjonijiet għandha ssir skond u huma għandhom ikunu vvalutati mill-ġdid fuq bażi element b'element. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu trattati separatament minn elementi *on-balance-sheet*.

3. Profitti u telf li jirriżultaw minn strumenti *off-balance-sheet* għandhom ikunu rikonossuti u trattati f'manjera simili għal strumenti *on-balance-sheet*.

*Artikolu 14***Tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju**

1. Xiri u bejgħ bil-quddiem għandhom ikunu rikonossuti f'kontijiet *off-balance-sheet* mid-data tan-negozju għad-data tal-ħlas skond ir-rata *spot* tat-tranżazzjoni bil-quddiem. Qligħ u telf realizat f'tranżazzjonijiet ta' bejgħ għandhom ikunu ikkalkulati bl-użu ta' l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-valuta fid-data tan-negozju skond il-proċedura tan-*netting* ta' kuljum għal xiri u bejgħ.

2. Id-differenza bejn ir-rati *spot* u *forward* għandha tkun ittrattata bħala imgħax pagabbli jew riċevibbli fuq bażi ta' l-akkumulazzjonijiet.

3. Fid-data ta' ħlas il-kontijiet *off-balance-sheet* għandhom ikunu mreġġa' lura.

4. Il-pożizzjoni tal-valuta għandha tkun affettwata minn tranżazzjonijiet bil-quddiem mid-data ta' negozju skond ir-rata *spot*.

5. Il-pożizzjonijiet bil-quddiem għandhom ikunu vvalutati flimkien mal-pożizzjoni *spot* ta' l-istess valuta, bit-tpaċija ta' kwalunkwe differenzi li jistgħu jirriżultaw f'pożizzjoni ta' valuta waħdanija. Bilanċ ta' telf nett għandu jkun iddebitat fil-kont tal-qligħ u t-telf meta jeċċedi qligħ ta' qabel ta' rivalutazzjoni rreġistrat fil-kont ta' rivalutazzjoni. Bilanċ ta' profitt nett għandu jkun ikkreditat fil-kont ta' rivalutazzjoni.

*Artikolu 15***Swaps tal-kambju fi flus barranin**

1. Xiri u bejgħ bil-quddiem u fil-pront għandhom ikunu rikonossuti fil-kontijiet *on-balance-sheet* fid-data ta' ħlas rispettiva.

2. Xiri u bejgħ bil-quddiem u fil-pront għandhom ikunu rikonossuti fil-kontijiet *off-balance-sheet* mid-data ta' negozju għad-data tal-ħlas skond ir-rata *spot* tat-tranżazzjonijiet.

3. Tranżazzjonijiet ta' xiri għandhom ikunu rikonossuti skond ir-rata *spot* tat-tranżazzjoni. Għalhekk m'għandu jsir l-ebda qligħ u telf.

4. Id-differenza bejn ir-rati *spot* u bil-quddiem għandhom ikunu trattati bħala imgħax pagabbli jew riċevibbli fuq bażi ta' l-akkumulazzjonijiet għal kemm ix-xiri u kemm il-bejgħ.

5. Fid-data tal-ħlas il-kontijiet *off-balance-sheet* għandhom ikunu mreġġa' lura.

6. Il-pożizzjoni tal-valuta barranija għandha tinbidel biss bħala riżultat ta' akkumulazzjonijiet ddenominati f'valuta barranija.

7. Il-pożizzjoni bil-quddiem għandha tkun vvalutata flimkien mal-pożizzjoni *spot* relatata.

▼ M2*Artikolu 16***Kuntratti ta' futures**

1. Kuntratti ta' *futures* għandhom jiġu rreġistrati fid-data tan-negozju fil-kontijiet *off-balance-sheet*.

▼ B

2. Il-marġni inizjali għandu jkun irreġistrat bħala attiv separat jekk iddepożitat fi flus kontanti. Jekk iddepożitat fil-forma ta' titoli huwa għandu jibqa' mhux mibdul fil-karta tal-bilanċ.

3. Tibdil ta' kuljum fil-marġni ta' varjazzjoni għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf u għandhom jaffettwaw il-pożizzjoni tal-valuta. L-istess proċedura għandha tiġi applikata fil-jum ta' l-egħluq tal-pożizzjoni miftuħa, irrispettivament ta' jekk il-konsenja sseħħx. Jekk il-konsenja sseħħ, it-tidħil tax-xiri jew tal-bejgħ għandha ssir skond il-prezz tas-suq.

4. L-onorarji għandhom jitqiegħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

*Artikolu 17***Swaps tar-rata ta' l-imgħax**

1. Swaps tar-rata ta' l-imgħax għandhom ikunu rreġistrati fil-jum ta' negozju fil-kontijiet *off-balance-sheet*.

2. Il-ħlasijiet kurrenti ta' l-imgħax, jew jekk riċevuti jew imħallsa, għandhom jiġu rreġistrati fuq bażi ta' l-akkumulazzjonijiet. Il-ħlasijiet jistgħu jsiru fuq bażi netta għal kull *partit* tar-rata ta' l-imgħax, imma dħul ta' l-imgħax akkumulat u spejjeż għandu jkun irrappurtat fuq bażi gross.

▼ M2

3. *Swaps* tar-rati tal-imgħax għandhom ikunu vvalutati mill-ġdid individwalment u, jekk meħtieġ, tradotti f'euro skond ir-rata *spot* tal-valuta. Huwa rakkomandat li telf mhux realizzat ittrasferit fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena għandu jkun ammortizzat fi snin sussegwenti, li fil-każ ta' *swaps* ta' rati ta' imgħax bil-quddiem għandu jibda mid-data tal-valur tat-tranżazzjoni u dak l-ammortizzar għandu jkun lineari. Qligħ ta' rivalutazzjoni mhux realizzat għandu jkun ikkreditat għal ġo kont ta' rivalutazzjoni.

▼ B

4. L-onorarji għandhom jitqiegħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

*Artikolu 18***Ftehim tar-rata bil-quddiem**

1. Ftehim tar-rata bil-quddiem għandhom ikunu rreġistrati fil-jum tan-negozju f'kontijiet *off-balance-sheet*.

2. Il-ħlas tal-kumpens biex jitħallas minn parti waħda lill-oħra skond id-data tal-ħlas għandu jiddaħħal fid-data ta' ħlas fil-kont tal-profitt u t-telf. Il-ħlasijiet m'għandhomx ikunu rreġistrati fuq bażi ta' l-akkumulazzjonijiet.

3. Jekk jinżammu ftehim tar-rata bil-quddiem f'valuta barranija, il-ħlasijiet ta' kumpens għandhom jaffettwaw il-pożizzjoni tal-valuta. Ħlasijiet ta' kumpens għandhom ikunu tradotti f'euro skond ir-rata *spot* fid-data ta' ħlas.

4. Il-ftehim kollha tar-rata bil-quddiem għandhom ikunu vvalutati mill-ġdid individwalment u, jekk meħtieġ, tradotti f'euro skond ir-rata *spot* tal-valuta. Telf mhux realizzat ttrasferit għall-kont tal-profitt u t-telf fi tmiem is-sena m'għandux ikun imreġġa' lura fi snin sussegwenti kontra profitti mhux realizzati sakemm l-istrument jingħalaq jew jiġi

## ▼B

mitmum. Qligħ ta' rivalutazzjoni mhux realizzat għandu jkun kreditat f'kont ta' rivalutazzjoni.

5. L-onorarji għandhom jitqiegħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

## Artikolu 19

**Tranżazzjonijiet bil-quddiem f'titoli**

Il-kontabilità tat-tranżazzjonijiet bil-quddiem f'titoli għandha ssir skond wieħed minn dawn iż-żewġ metodi li ġejjin:

1. *Metodu A:*

- (a) Tranżazzjonijiet bil-quddiem f'titoli għandhom ikunu rreġistrati f'kontijiet *off-balance-sheet* mid-data ta' negozju għad-data tal-ħlas, skond il-prezz *forward* tat-tranżazzjoni *forward*;
- (b) l-ispiża medja tal-*holding* tat-titolu nnegozjat m'għandhiex tkun affettwata sakemm isir il-ħlas; l-effetti tal-qligħ u t-telf ta' tranżazzjonijiet ta' bejgħ bil-quddiem għandhom ikunu kkalkulati fid-data tal-ħlas;
- (c) fid-data tal-ħlas il-kontijiet *off-balance-sheet* għandhom ikunu mreġġa' lura u l-bilanċ fil-kont ta' rivalutazzjoni – jekk ikun hemm – għandu jkun ikkreditat fil-kont tal-qligħ u t-telf. Għanda ssir kontabilità tat-titoli mixtrija bl-użu tal-prezz *spot* fid-data tal-maturità (prezz tas-suq attwali), filwaqt li d-differenza mal-prezz bil-quddiem oriġinali hija rikonoxxuta bħala qligħ jew telf realizzat;
- (d) fil-każ ta' titoli ddenominati f'valuta barranija, l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-valuta netta m'għandhiex tkun affettwata jekk l-entità ta' rappurtar jkollha diġà pożizzjoni f'dik il-valuta. Jekk il-bond mixtri bil-quddiem huwa ddenominat f'valuta li fiha l-entità ta' rappurtar ma jkollhiex pożizzjoni, biex b'hekk ikun meħtieġ li tinxtara il-valuta rilevanti, ir-regoli għax-xiri ta' valuti barranin skond l-Artikoli 12(3)(e) għandhom japplikaw;
- (e) pożizzjonijiet bil-quddiem għandhom ikunu vvalutati fuq bażi iżolata kontra l-prezz tas-suq bil-quddiem għaż-żmien li jifdal tat-tranżazzjoni. Telf ta' rivalutazzjoni fi tmiem is-sena għandu jkun iddebitat fil-kont tal-qligħ u t-telf, u l-qligħ ta' rivalutazzjoni għandu jkun ikkreditat fil-kont ta' rivalutazzjoni. Telf mhux realizzat rikonoxxut fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena m'għandux ikun imreġġa' lura fi snin sussegwenti kontra profitti mhux realizzati sakemm l-istrument jingħalaq jew jiġi mitmum.

2. *Metodu B:*

- (a) Tranżazzjonijiet bil-quddiem f'titoli għandhom ikunu rreġistrati f'kontijiet *off-balance-sheet* mid-data ta' negozju għad-data tal-ħlas, skond il-prezz bil-quddiem tat-tranżazzjoni bil-quddiem. Fid-data tal-ħlas il-kontijiet *off-balance-sheet* għandhom ikunu mreġġa' lura;
- (b) Fi tmiem it-trimestru, titolu għandu jkun vvalutat mill-ġdid fuq il-bażi tal-pożizzjoni netta li tirriżulta mill-karta tal-bilanċ u mill-bejgħ ta' l-istess titolu rreġistrat fil-kontijiet *off-balance-sheet*. L-ammont tar-rivalutazzjoni għandu jkun daqs id-differenza bejn din il-pożizzjoni netta vvalutata skond il-prezz ta' rivalutazzjoni u l-istess pożizzjoni vvalutata skond l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-karta tal-bilanċ. Fi tmiem it-trimestru, ix-xiri bil-quddiem għandu jkun suġġett għall-proċess ta' rivalutazzjoni deskritt fl-Artikolu 7. Ir-riżultat ta' rivalutazzjoni għandu jkun daqs id-differenza bejn il-prezz *spot* u l-ispiża medja ta' l-obbligi tax-xiri;

## ▼B

- (c) Ir-riżultat ta' bejgħ bil-quddiem għandu jkun irregiŕtrat fis-sena finanzjarja li fiha jkun ittieħed l-obbligu. Dan ir-riżultat għandu jkun daqs id-differenza bejn il-prezz bil-quddiem inizjali u l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-karta tal-bilanċ, jew l-ispiża medja ta' l-obbligu ta' xiri *off-balance-sheet* jekk il-pożizzjoni tal-karta tal-bilanċ mhijiex suffiċjenti, fil-ħin tax-xiri.

## Artikolu 20

**Opzjonijiet**

1. L-Opzjonijiet għandhom ikunu rikonoxxuti fil-kontijiet *off-balance-sheet* mid-data tan-negożju għad-data ta' eżerċizzju jew ta' skadenza skond l-*strike price* ta' l-istrument sottostanti.
2. *Premiums* iddenominati f'valuta barranija għandhom ikunu tradotti f'euro skond ir-rata tal-kambju ta' jew il-kuntratt jew id-data tal-ħlas. Il-*premium* imħallas għandu jkun rikonoxxut bħala attiv separat, filwaqt li r-*premium* riċevut għandu jkun rikonoxxut bħala passiv separat.
3. Jekk l-opzjoni hija eżerċitata, l-investment sottostanti għandu jkun irregiŕtrat fil-karta tal-bilanċ skond l-*strike price* miżjud jew imnaqqas bil-valur oriġinali tar-*premiums*. L-ammont oriġinali tar-*premium* ta' l-opzjoni għandu jkun aġġustat fuq il-bażi ta' telf mhux realizzat mqiegħed fil-kont tal-qligħ u t-telf fi tmiem is-sena.
4. Jekk l-opzjoni mhijiex eżerċitata, l-ammont tar-*premium* ta' l-opzjoni, aġġustat fuq il-bażi ta' telf mhux realizzat ta' qabel fi tmiem is-sena, għandu jitqiegħed fil-kont tal-qligħ u t-telf tradott skond ir-rata tal-kambju disponibbli fid-data ta' skadenza.
5. Il-pożizzjoni tal-valuta għandha tkun affettwata permezz tal-marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum għal opzjonijiet "qisha-*future*", bi kwalunkwe *write-down* fi tmiem is-sena tar-*premium* ta' l-opzjoni, bin-negożju sottostanti fid-data ta' eżerċizzju, jew, fid-data ta' skadenza, bir-*premium* ta' l-opzjoni. Tibdiliet ta' kuljum fil-marġni ta' varjazzjoni għandhom jitqiegħdu fil-kont tal-profitt u t-telf.
6. Kull kuntratt ta' opzjoni għandu jkun vvalutat mill-ġdid individwalment. Telf mhux realizzat mqiegħed fil-kont tal-qligħ u t-telf m'għandux ikun imreġġa' lura fi snin sussegwenti kontra qligħ mhux realizzat. Qligħ mhux realizzat ta' rivalutazzjoni għandu jkun ikkreditat f'kont ta' rivalutazzjoni. M'għandu jkun hemm l-ebda *netting* ta' telf mhux realizzat f'kwalunkwe opzjoni kontra qligħ mhux realizzat fi kwalunkwe opzjoni oħra.
7. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 6, il-valuri tas-suq huma l-prezzijiet kkwotati meta dawn il-prezzijiet huma disponibbli minn borża, negożjant ta' titoli jew xi sensar ta' entitajiet simili. Meta prezzijiet kkwotati mhumiex disponibbli, il-valur tas-suq huwa ddeterminat permezz ta' teknika ta' valutazzjoni. Din it-teknika ta' valutazzjoni għandha tintuża b'mod konsistenti matul iż-żmien u għandu jkun possibbli li jintwera li huwa jipprovdi stimi ta' prezzijiet li wieħed joqgħod fuqhom u li jkunu akkwistati f'tranżazzjonijiet tas-suq attwali.
8. L-onorarji għandhom jitqiegħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf.

## KAPITOLU V

**OBBLIGI TA' RAPPURTAR**

## Artikolu 21

**Formati ta' rappurtar**

1. Il-BĊNi għandhom jirrappurtaw data għall-iskopijiet ta' rappurtar finanzjarju ta' l-Eurosistema lill-BĊE skond din il-Linja ta' Gwida.

**▼B**

2. Il-formati ta' rappurtar ta' l-Eurosistema għandhom ikopru l-elementi kollha speċifikati fl-Anness IV. Il-kontenut ta' l-elementi biex ikun inkluż fil-formati differenti tal-karta tal-bilanċ huwa deskritt ukoll fl-Anness IV.
3. Il-formati tar-rendikonti finanzjarji ppublikati differenti għandhom jikkonformaw ma' l-Annessi li ġejja:
  - (a) Ir-rendikont finanzjarju ta' kull ġimgħa kkonsolidat u ppublikat ta' l-Eurosistema wara t-tmiem tat-trimestru fl-Anness V;
  - (b) Ir-rendikont finanzjarju ta' kull ġimgħa kkonsolidat u ppublikat ta' l-Eurosistema matul it-trimestru fl-Anness VI;
  - (c) Il-karta tal-bilanċ annwali kkonsolidata ta' l-Eurosistema fl-Anness VII.

## KAPITOLU VI

**KARTI TAL-BILANĊ U KONTIJET TAL-QLIGĦ U T-TELF ANNWALI PPUBBLIKATI***Artikolu 22***Karti tal-bilanċ u kontijet tal-qligħ u t-telf ippubblikati**

Huwa rrakkomandat li l-BĊNi jadattaw il-karti tal-bilanċ u l-kontijet tal-qligħ u t-telf annwali ppubblikati skond l-Annessi VIII u IX.

## KAPITOLU VII

**REGOLI TA' KONSOLIDAZZJONI***Artikolu 23***Regoli ta' konsolidazzjoni ġenerali**

1. Il-karti tal-bilanċ ikkonsolidati ta' l-Eurosistema għandhom ikopru l-elementi kollha fil-karti tal-bilanċ tal-BĊE u tal-BĊNi.
2. Għandu jkun hemm konsistenza matul ir-rapporti fil-proċess ta' konsolidazzjoni. L-istqarrijiet finanzjarji kollha ta' l-Eurosistema għandhom ikunu ppreparati fuq bażi simili bl-applikazzjoni ta' l-istess tekniċi u proċessi ta' konsolidazzjoni.
3. Il-BĊE għandu jipprepara l-karti tal-bilanċ ikkonsolidati ta' l-Eurosistema. Dawn il-karti tal-bilanċ għandhom jirrispettaw il-bżonn għal prinċipji tal-kontabilità u tekniċi uniformi, perijodi fl-istess ħin finanzjarji fl-Eurosistema u l-aġġustamenti ta' konsolidazzjoni li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet u pożizzjonijiet interni għall-Eurosistema, u għandhom jikkunsidraw tibdiliet fil-kompożizzjoni ta' l-Eurosistema.
4. Kwalunkwe element tal-karta tal-bilanċ individwali, minbarra dawk tal-BĊNi u tal-BĊE interni-għall-Eurosistema, għandu jkun aggregat għal skopijiet ta' konsolidazzjoni.
5. Il-bilanċi tal-BĊNi u tal-BĊE ma' terzi partijiet għandhom ikunu rreġistrati gross fil-proċess ta' konsolidazzjoni.
6. Il-bilanċi interni għall-Eurosistema għandhom ikunu ppreżentati fil-karti tal-bilanċ tal-BĊE tal-BĊNi skond l-Anness IV.





## KAPITOLU VIII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI***Artikolu 24***Żvilupp, applikazzjoni u interpretazzjoni tar-regoli**

1. Il-Kumitat tal-Kontabilità u tad-Dħul Monetarju tas-SEBĊ (AMICO) għandu jirrapurta lill-Kunsill Governattiv, permezz tal-Bord Eżekuttiv, dwar l-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kontabilità u tar-rappurtar finanzjarju tas-SEBĊ.
2. Fl-interpretazzjoni ta' din il-Linja ta' Gwida, għandu jiġi kkunsidrat ix-xogħol preparatorju, il-prinċipji armonizzati tal-kontabilità bil-liġi tal-Komunità u l-istandards internazzjonali tal-kontabilità aċċettati ġeneralment.

*Artikolu 25***Regoli Tranżitorji**

1. Il-BĊNi għandu jivvaluta mill-ġdid l-attiv u l-passiv kollu finanzjarju skond id-data li fiha huma jsiru membri ta' l-Eurosistema. Qligħ mhux realizzati li jsir qabel jew fid-data għandu jkun separat minn dak il-qligħ ta' valutazzjoni mhux realizzati li jista' jsir wara, u għandu jibqa' mal-BĊNi. Il-prezzijiet tas-suq u r-rati applikati mill-BĊNi fil-karti tal-bilanċ tal-ftuħ fil-bidu tal-parteċipazzjoni ta' l-Eurosistema għandhom ikunu kkunsidrati bħala l-ispiża medja ta' dan l-attiv u l-passiv tal-BĊNi.
2. Huwa rikkmandat li qligħ mhux realizzati li sar qabel jew mal-bidu tas-sħubija ta' xi BĊN ta' l-Eurosistema m'għandux ikun ikkunsidrat bħala distribwibbli fil-ħin tat-tranżizzjoni u li għandhom ikunu trattati biss bħala realizzabbli/distribwibbli fil-kuntest ta' tranżizzjonijiet li jseħħu wara d-dħul fl-Eurosistema.
3. Il-kambju, il-qligħ u t-telf fid-deheb u l-prezzijiet, li jirriżultaw mit-trasferiment ta' l-attiv mill-BĊNi lill-BĊE, għandhom ikunu kkunsidrati bħala realizzati.
4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċizzjoni li għandha tiġi adottata skond l-Artikolu 30 ta' l-Istatut.

*Artikolu 26***Revoka**

Il-Linja ta' Gwida BĊE/2002/10 qed tiġi rrevokata. Ir-referenzi għal-Linja ta' Gwida rrevokata għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din il-Linja ta' Gwida u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X.

*Artikolu 27***Dispożizzjonijiet finali**

1. Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007.
2. Din il-Linja ta' Gwida tapplika għall-banek ċentrali kollha ta' l-Eurosistema.



## ANNEX I

## RENDIKONTI FINANZJARJI GĦALL-EUROSISTEMA

Tip ta' rapport	Intern/ippubblikat	Sors ta' obbligu legali	Skop tar-rapport
1 Rendikont finanza- jarju ta' kuljum ta' l- Eurosistema	Intern	Xejn	Prinċipalment għal skopijiet ta' manig- ment ta' likwidità għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 12.1 ta' l-Istatut Parti mid-data tar- rendikont finanza- jarju ta' kuljum intuża għall-kalkolu tad-dħul monetarju
2 Rendikont finanza- jarju ta' kull ġimgħa diżag- gregat	Intern	Xejn	Bażi għall-produzzjoni tar-rendikont finanza- jarju kkonsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-Euro- sistema
3 Rendikont finanza- jarju ta' kull ġimgħa kkonso- lidat ta' l- Eurosistema	Ippubblikat	Artikolu 15.2 ta' l- Istatut	Rendikont finanza- jarju kkonsolidat għal analiżi monetarja u ekonomika. Ir-rendi- kont finanza- jarju kkonsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-Eurosistema jittieħed mir-rendikont finanza- jarju ta' kuljum tal-jum ta' rappurtar
4 Informazzjoni finanza- jarja ta' kull xahar u trimestrali ta' l- Eurosistema	Ippubblikat u intern <sup>(1)</sup>	Regolamenti Statis- tiċi, li skondhom l- IFMi għandhom jagħtu d-data	Analiżi statistika
5 Karta tal-bilanċ annwali kkonsoli- data ta' l-Eurosistema	Ippubblikat	Artikolu 26.3 ta' l- Istatut	Karta tal-bilanċ kkon- solidata għal skopijiet analitiċi u operattivi

<sup>(1)</sup> Il-*feed* tad-*data* ta' kull xahar fid-*data* statistika aggregata u ppublikata meħtieġa minn istituzzjonijiet finanza-  
jarji monetarji (IFMi) fl-Unjoni Ewropea. Barra min dan, bħala IFMi, il-banek ċentrali wkoll għandhom jipprovdu fuq bażi trimestrali informazzjoni aktar iddetaljata milli huwa pprovdut fid-*data* ta' kull xahar.

**▼ B**

## ANNEX II

## GLOSSARJU

*Amortizzazzjoni*: it-tnaqqis sistematiku fil-kontijiet ta' xi *premium*/skont jew tal-valur ta' l-attiv fuq perijodu ta' żmien.

**▼ M4**

*Approprjazzjoni*: l-att tat-tehdid tad-dritt tal-proprjeta' ta' titoli, self jew attiv li jkun irċieva bank ċentrali bħala garanzija bħala mezz ta' infurzar tat-talba oriġinali.

**▼ M2****▼ B**

*Attiv finanzjarju*: kwalunkwe attiv li huwa: (i) flus kontanti; jew (ii) dritt kuntrattwali biex tirċievi flus kontanti jew xi strument finanzjarju ieħor minn impriża oħra; jew (iii) dritt kuntrattwali biex tiskambja strumenti finanzjarji ma' impriża oħra skond kundizzjonijiet li huma potenzjalment favorevoli; jew (iv) strument ta' ishma azzjonarji ta' intrapriża oħra.

*Attiv*: riżors ikkontrollat mill-intrapriża bħala riżultat ta' ġrajjiet imgħoddija u li minnhom benefiċċji ekonomiċi futuri huma mistennija li jimxu għall-intrapriża.

*Bejgħ b' lura u ftehim ta' xiri mill-ġdid (reverse repo)*: kuntratt li skond detentur tal-flus kontanti jaqbel biex jixtri xi attiv u, fl-istess ħin, jaqbel biex ibiġh mill-ġdid l-attiv għal prezz miftiehem fuq talba, jew wara ħin iddikjarat, jew fil-każ ta' kontinġenza partikolari. Xi kultant tranżazzjoni *repo* tiġi pattwita permezz ta' terza persuna (*triparty repo*).

*Data Spot settlement*: id-data li fiha tranżazzjoni *spot* fi strument finanzjarju tiġi miftiehma skond il-konvenzjonijiet tas-suq prevalenti għal dak l-istrument finanzjarju.

*Data ta' ħlas*: id-data li fiha t-trasferiment finali u irrevokabbli tal-valur jkun ġie rreġistrat fil-kotba ta' l-istituzzjoni rilevanti tal-ħlas. Iż-żmien tal-ħlas jista' jkun immedjat (dak il-ħin stess), l-istess jum (tniem il-jum) jew f' data miftiehma wara d-data li fiha l-impenn ikun assunt.

*Data tal-maturità*: id-data li fiha l-valur nominali/prinċipali jsir dovut u pagabbli fl-ammont sħiħ lid-detentur.

*Deprezzament/amortizzazzjoni b' linja dritta*: deprezzament/amortizzazzjoni fuq perijodu partikolari hija ddeterminata billi jiġu diviżi l-ispejjeż ta' l-attiv, imnaqqsa bil-valur residwu stmat ta' l-istess attiv, biż-żmien utli stmat ta' l-attiv *pro rata temporis*.

*Forward tal-Kambju*: kuntratt li fih ix-xiri f' daqqa jew bejgħ ta' ammont partikolari ddenominat f' valuta barranija kontra valuta oħra, normalment il-valuta domestika, jiġi miftiehem f' jum u l-ammont għandu jingħata f' data speċifika futura, aktar minn jumejn ta' xogħol wara d-data tal-kuntratt, bi prezz partikolari. Din ir-rata bil-quddiem tal-kambju tikkonsisti fir-rata prevalenti *spot* miżjuda/mnaqqsa bir-*premium*/skont miftiehem.

*Ftehim tar-rata bil-quddiem*: kuntratt li fih żewġ partijiet jaqblu dwar ir-rata ta' l-imgħax li għandha titħallas fuq depożitu kunċettwali ta' maturità speċifikata f' data speċifikata futura. Fid-data tal-ħlas għandu jitħallas kumpens minn persuna waħda lil oħra, jiddependi mid-differenza bejn ir-rata ta' l-imgħax patwit u r-rata tas-suq fid-data tal-ħlas.

*Future tar-rata ta' l-imgħax*: kuntratt bil-quddiem negozjabbli fuq il-borża. F'dan il-kuntratt, ix-xiri jew il-bejgħ ta' xi strument tar-rata ta' l-imgħax, e.ż. bond, jiġi miftiehem fid-data tal-kuntratt li għandu jingħata f' data futura, skond prezz partikolari. Ġeneralment ma sseħħ l-ebda kunsinna; il-kuntratt huwa normalment magħluq qabel il-maturità miftiehma.

*ħlas*: att li jeżonera obbligi fir-rigward ta' trasferimenti ta' fondi jew attiv bejn żewġ partijiet jew aktar. Fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet interni għall-Eurosistema, il-ħlas jirreferi għall-eliminazzjoni tal-bilanċi netti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni għall-Eurosistema u jeħtieġ it-trasferiment ta' l-attiv.

*Holding ta' valuta barranija*: il-pożizzjoni netta fil-valuta rispettiva. Għall-iskop ta' din id-definizzjoni *special drawing rights* (SDRs) għandhom ikunu kkunsidrati bħala valuta separata.

*Impairment*: tnaqqis ta' l-ammont rikoveribbli taħt l-ammont *carrying*.

▼ M1▼ B

*Kontijiet ta' rivalutazzjoni:* kontijiet tal-karta tal-bilanċ għar-reġistrazzjoni tad-differenza fil-valur ta' xi attiv jew passiv bejn l-ispiża aġġustata ta' l-akkwist tiegħom u l-valutazzjoni tagħhom fil-prezz tas-suq fi tmiem il-perijodu, meta dan ta' l-aħħar huwa ogħla minn ta' l-ewwel fil-każ ta' l-attiv, u meta dan ta' l-aħħar huwa anqas minn ta' l-ewwel fil-każ tal-passiv. Jinkludu differenzi kemm fil-kwotazzjoni tal-prezz u/jew fir-rati tas-suq tal-kambju.

*Metodu ekonomiku:* metodu ekonomiku li skondu n-negozji huma rreġistrati fid-data ta' tranżazzjoni.

*Metodu flus kontanti/ħlas:* metodu ta' kontabilità li skondu għrajjet ta' kontabilità huma rreġistrati fid-data tal-ħlas.

*Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni ta' Titoli (ISIN):* in-numru maħruġ mill-awtorità kompetenti rilevanti.

*Obbligu:* obbligu preżenti ta' l-impriża li tirriżulta minn għrajjet imġoddija, li l-ħlas tiegħu huwa mistenni li jirriżulta f'*outflow*, mill-impriża, ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi.

*Opzjoni qisha future:* opzjonijiet elenkati fuq *futures* fejn marġni ta' varjazzjoni jitħallas jew jiġi riċevut kuljum.

*Opzjoni:* kuntratt li jagħti lid-detentur id-dritt, imma mhux l-obbligu, li jixtri jew ibigħ ammont speċifiku ta' xi stokk, prodott prinċipali, valuta, indiċi, jew debitu partikolari, bi prezz speċifikat matul perijodu ta' żmien speċifikat jew fid-data ta' l-iskadenza.

*Passiv finanzjarju:* kwalunkwe passiv li huwa obbligu legali li jingħataw flus kontanti jew xi strument finanzjarju ieħor lil impriża oħra jew li tiskambja strumenti finanzjarji ma' impriża oħra taħt kundizzjonijiet li huma potenzjalment mhux favorevoli.

▼ M2

*Portafoll immarkat* investiment immarkat imniżżel fuq in-naħa tal-attiv tal-karta tal-bilanċ bħala fond ta' kontroparti, jikkonsisti minn titoli, strumenti ta' ishmar azzjonarji, depożiti b'terminu fiss u kontijiet kurrenti, interessi parteċipattivi u/jew investimenti f'sussidjarji. Huwa jaqbel ma' partita identifikabbli fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, irrispettivament minn restrizzjonijiet legali jew oħrajn.

▼ B

*Premium:* id-differenza bejn il-valur lira b'lira ta' xi titolu u l-prezz tiegħu meta dan il-prezz huwa ogħla minn par.

*Press tas-suq:* il-prezz li huwa kwotat għal strument fid-deheb, tal-kambju jew tat-titoli ġeneralment eskluż l-imġax akkumulat jew imraħħas jew f'suq organizzat e.ż. borża jew suq mhux organizzat e.ż. suq *over-the-counter*.

*Prezz Mid-market:* il-punt medjan bejn il-prezz tax-xiri u l-prezz ta' l-offerta għal titolu bbażat fuq kwotazzjonijiet għal tranżazzjonijiet ta' daqs tas-suq normali minn *market-makers* rikonoxxuti jew boroż ta' negozju rikonoxxuti, li huwa wżat għall-proċedura ta' rivalutazzjoni trimestrali.

*Prezz nadif:* prezz tat-tranżazzjoni eskluż kwalunkwe rifużjoni/imġax akkumulat, imma jinkludi l-ispejjeż tat-tranżazzjoni li jiffurmaw parti mill-prezz.

*Prezz strike:* il-prezz speċifikat f'kuntratt ta' opzjoni li skondu l-kuntratt jista' jiġi eżerċitat.

▼ M1

*Strument sintetiku* strument finanzjarju maħluq b'mod artifiċjali billi jinġabru flimkien żewġ strumenti jew aktar bil-għan li jirreplikaw il-fluss tal-flus kontanti u l-metodi ta' valutazzjoni ta' strument ieħor. Dan normalment isir permezz ta' intermedjarju finanzjarju.

▼ B

*Prezz tat-tranżazzjoni:* il-prezz miftiehem bejn il-partijiet meta jsir xi kuntratt.

*Programm ta' self ta' titoli awtomatiku (ASLP):* operazzjoni finanzjarja li tgħaqqad tranżazzjonijiet *repo* u *reverse repo* meta garanzija speċifika tiġi mislufa kontra garanzija ġenerali. Bħala riżultat ta' dawn it-tranżazzjonijiet ta' self, jiġi ġġenerat dħul permezz tar-rati *repo* differenti taż-żewġ tranżazzjonijiet i.e. il-marġni riċevut. L-operazzjoni tista' titwettag skond programm bbażat fuq il-prinċipal i.e. il-bank li joffri dan il-programm huwa

▼ **B**

kkunsidrat il-kontroparti finali, jew skond programm ibbażat fuq l-aġenzija i.e. il-bank li joffri dan il-programm jaġixxi biss bħala aġent, u l-kontroparti finali hija l-istituzzjoni li magħha t-tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli jitwettqu b'mod effettiv.

*Programm ta' Inventarju Kustodjali Estiż (ECI):* programm li jikkonsisti f'*depot* barra ż-żona ta' l-euro mmaniġġjat minn bank kummerċjali li fih il-karti tal-flus euro jinżammu f'kustodja f'isem l-Eurosistema għall-provvista u r-riċevimenti tal-karti tal-flus euro.

*Provedimenti:* ammonti mwarrba qabel ma wieħed jasal għall-figura tal-qligħ u t-telf bħala provvedimenti għal kwalunkwe passiv jew riskju magħruf jew mistenni, li l-prezz tiegħu ma jistax jiġi ddeterminat b'mod preċiż (ara "Riżervi"). Provedimenti għal passiv u spejjeż futuri ma jistgħux jintużaw biex jaġġustaw il-valur ta' l-attiv.

*Qligħ/telf mhux realizzati:* qligħ/telf li jirriżulta mill-valutazzjoni mill-ġdid ta' l-attiv imqabbel ma' l-ispiża aġġustata ta' l-akkwist tiegħu.

*Qligħ/telf realizzati:* qligħ/telf li jirriżulta mid-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ ta' xi element tal-karta tal-bilanċ u l-prezz tiegħu aġġustat.

*rata interna ta' redditu:* ir-rata ta' skont li skondha l-valur ta' kontabilità ta' titolu huwa daqs il-valur preżenti tal-likwidità futura.

*Rata Spot:* ir-rata li fiha tranżazzjoni tiġi miftiehma fid-data tal-ħlas *spot*. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju, ir-rata *spot* hija r-rata li għaliha jiġu applikati punti bil-quddiem (*forward points*) sabiex tirriżulta r-rata bil-quddiem.

*Rata tal-kambju:* il-valur ta' valuta waħda għall-iskop ta' konverżjoni għal oħra.

*Rati Mid-market:* ir-rati ta' referenza tal-kambju ta' l-euro li huma ġeneralment ibbażati fuq il-proċedura ta' *concertation* regolari bejn il-banek ċentrali ġewwa u barra s-SEBĊ, li normalment isseħħ fis-14.15 Hn Ewropew Ċentrali, u li huma wżati għall-proċedura ta' rivalutazzjoni trimestrali.

*Riżervi:* ammont imwarrab minn profitti distribwibbli, li mhuwiex maħsub biex jissodisfa kwalunkwe passiv speċifiku, kontinġenza jew tnaqqis mistenni fil-valur ta' l-attiv magħruf li jeżisti fid-data tal-karta tal-bilanċ.

*Skont:* id-differenza bejn il-valur lira b'lira (*par*) ta' xi titolu u l-prezz tiegħu meta dan il-prezz huwa aktar baxx minn ta' l-ewwel.

*Spejjeż tat-tranżazzjoni:* spejjeż li huma identifikabbli bħala relatati għat-tranżazzjoni speċifikata.

*Spiża medja:* il-metodu tal-medja kontinwata jew imwieżna, li permezz tiegħu l-ispiża ta' kull xirja tingħadd mal-valur eżistenti tal-ktieb biex tirriżulta l-ispiża medja mwieżna ġdida.

*Standards Internazzjonali tal-Kontabilità:* l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS), l-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju (IFRS) u l-Interpretazzjonijiet relatati (interpretazzjonijiet SIC-IFRIC), l-emendi sussewenti għal dawk l-istandards u l-interpretazzjonijiet relatati, l-istandards futuri u l-interpretazzjonijiet relatati adottati mill-Unjoni Ewropea.

*Strumenti ta' ishma azzjonarji:* titoli li jagħtu dividend i.e. ishma ta' kumpaniji, u titoli li juru investiment f'fond ta' ishma.

*Swap tal-kambju:* ix-xiri/bejgħ fil-pront u fl-istess ħin ta' valuta waħda kontra l-oħra (*short leg*) u l-bejgħ/xiri bil-quddiem ta' l-istess ammont ta' dik il-valuta kontra l-valuta l-oħra (*long leg*).

*Swap tar-rata ta' l-imġħax:* ftehim kuntrattwali għall-iskambju ta' likwidità li jirrappreżentaw flussi ta' ħlasijiet ta' imġħax perijodiċi b'kontroparti jew f'valuta waħda jew, fil-każ ta' tranżazzjonijiet fost il-valuti, f'żewġ valuti differenti.

▼ **M1**

*TARGET:* is-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer*, bis-saħħa tal-Linja Gwida BĊE/2005/16 tat-30 ta' Diċembru 2005 dwar sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer* (TARGET) <sup>(1)</sup>.

*TARGET2:* is-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer*, bis-saħħa tal-Linja Gwida BĊE/2007/2 tas-26 t'April 2007

<sup>(1)</sup> ĠU L 18, 23.1.2006, p. 1. II-Linja Gwida kif emendata bil-Linja Gwida BĊE/2006/11 (ĠU L 221, 12.8.2006, p. 17).

**▼ M1**

dwar sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer* (TARGET2) <sup>(1)</sup>.

**▼ B**

*Titoli miżmuma bħala portafoll assenjat*: investimenti assenjati miżmuma bħala fondi kontroparti li jikkonsistu f'titoli, strumenti azzjonarji, interessi parteċipanti u/jew investimenti f'sussidjarji, element ta' qbil identifikabbli fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, irrispettivament ta' jekk hemmx xkiel legali, statutorju jew ta' xi natura oħra e.ż. fondi tal-pensjoni, skemi ta' *severance*, provvedimenti, kapital, riżervi.

**▼ M2**

*Titoli miżmumin sal-maturità* titoli b'ħlasijiet fissi jew determinabbli u maturità fissa, li l-BĊN fiħsiebu jżomm sal-maturità.

**▼ B**

*Titoli ta' skont*: attiv li ma jħallasx imgħax, u li r-redditu fuqu jsir permezz ta' apprezzament tal-kapital minħabba li l-attiv jinħareġ jew jinxtara bi skont għall-valur nominali jew għall-valur lira b'lira.

*Tranżazzjoni b'lura*: operazzjoni fejn il-bank ċentrali jixtri (*reverse repo*) jew ibiġi (*repo*) attiv skond fehim ta' xiri mill-ġdid jew iwettaq operazzjonijiet ta' kreditu kontra garanzija.

*Tranżazzjonijiet bil-quddiem f'titoli*: kuntratti *over-the-counter* li fihom ix-xiri jew bejgħ ta' xi strument tar-rata ta' l-imgħax, ġeneralment xi bond jew nota, huwa miftiehem fid-data tal-kuntratt to be delivered f' data futura, bi prezz partikolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 237, 8.9.2007, p. 1.



## ANNEX III

## DESKRIZZJONI TAL-METODU EKONOMIKU

(inklużi l-metodi “regolari” u “alternattiv” fl-Artikoli 5)

1. **Kontabilità tad-data tan-negozju**
  - 1.1 Il-kontabilità tad-data tan-negozju tista' tkun implimentata jew permezz tal-“metodu regolari” jew permezz tal-“metodu alternattiv”
  - 1.2 L-Artikolu 5(1)(a) jirreferi għall-metodu “regolari”.
    - 1.2.1 Tranżazzjonijiet huma rreġistrati f'kontijiet *off-balance sheet* fid-data tan-negozju. Fid-data tal-ħlas l-entrati *off-balance sheet* huma mreġġa' lura, u t-tranżazzjonijiet huma mdaħħla fil-kontijiet tal-karta tal-bilanċ.
    - 1.2.2 Il-pożizzjonijiet tal-valuta barranija huma affettwati fid-data tan-negozju. Konsegwentament, qligħ u telf realizzati li jirriżulta mill-bejgħ nett huwa kkalkulat ukoll fid-data tan-negozju. Xiri nett tal-valuta barranija jaffettwa l-ispiża medja tal-*holding* tal-valuta fid-data tan-negozju.
  - 1.3 L-Artikolu 5(1)(b) jirreferi għall-metodu “alternattiv”.
    - 1.3.1 Bil-kuntrarju għall-metodu “regolari”, m'hemm l-ebda tidħil *off-balance sheet* kuljum tat-tranżazzjonijiet miftiehma li huma miftiehma f'data aktar tard. Ir-rikonoxximent tad-dħul realizzati u l-kalkolu ta' l-ispjeż medji ġodda (fil-każ ta' xiri tar-rati tal-kambju) u l-prezzijiet medji (fil-każ ta' xiri ta' titoli) jitwettaq fid-data tal-ħlas <sup>(1)</sup>.
    - 1.3.2 Għal tranżazzjonijiet miftiehma f'sena imma li jimmuturaw f'sena sussegwenti, ir-rikonoxximent tad-dħul huwa ttrattat skond il-metodu “regolari”. Dan ifisser li effetti realizzati minn bejgħ ifisser impatt fuq il-kontijiet tal-qligħ u t-telf għas-sena li fiha t-tranżazzjoni kienet miftiehma u li x-xiri jibdlu r-rati medja ta' xi *holding* fis-sena li fiha t-tranżazzjoni tkun ġiet miftiehma.
  - 1.4 It-tabella li ġejja turi l-karatteristiċi prinċipali taż-żewġ tekniki żviluppati għal strumenti individwali tal-kambju u għal titoli.

## KONTABILITÀ TAD-DATA TAN-NEGOZJU

“Metodu Regolari”	“Metodu Alternattiv”
FX <sup>(1)</sup> tranzazzjonijiet <i>spot</i> — trattament matul is-sena	
FX xiri huma mdaħħla <i>off-balance sheet</i> fid-data tan-negozju u jaffettwaw l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-valuta barranija minn din id-data Il-qligħ u t-telf li jirriżulta mill-bejgħ huwa kkunsidrat realizzati fid-data tat-tranżazzjoni/negozju. Fid-data tan-negozju, l-entrati <i>off-balance sheet</i> huma mreġġa' lura, u jiddaħħlu entrati <i>on-balance sheet</i>	FX xiri huma mdaħħla fil-karta tal-bilanċ fid-data tan-negozju, jaffettwaw l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-valuta barranija minn din id-data Il-qligħ u t-telf li jirriżulta mill-bejgħ huwa kkunsidrat realizzati fid-data tal-ħlas. Fid-data tan-negozju ma ssir l-ebda entrata tal-kontabilità <i>on-balance sheet</i>
FX tranzazzjonijiet bil-quddiem — trattament matul is-sena	
Ittrattat bl-istess mod kif deskritt hawn fuq għal tranżazzjonijiet <i>spot</i> , irreġistrati skond ir-rata <i>spot</i> tat-tranżazzjoni	FX xiri huma mdaħħla <i>off-balance sheet</i> fid-data tal-ħlas <i>spot</i> tat-tranżazzjonijiet, jaffettwaw l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-valuta barranija minn din id-data u skond ir-rata <i>spot</i> tat-tranżazzjoni FX bejgħ huma mdaħħla <i>off-balance sheet</i> fid-data tal-ħlas <i>spot</i> tat-tranżazzjoni. Il-qligħ u t-telf huma kkunsidrati bħala realizzati fid-data tal-ħlas <i>spot</i> tat-tranżazz-

<sup>(1)</sup> Fil-każ ta' tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju l-*holding* tal-valuta huwa affettwat fid-data tal-ħlas *spot* (i.e. ġeneralment id-data tan-negozju + jumejn).



KONTABILITÀ TAD-DATA TAN-NEGOZJU	
“Metodu Regolari”	“Metodu Alternattiv”
	<p>zjoni</p> <p>Fid-data tal-ħlas l-entrati <i>off-balance sheet</i> huma mreġġa’ lura, u jiddaħħlu entrati <i>on balance sheet</i></p> <p>Għal trattament ta’ tmiem il-perjodu ara hawn taħt</p>

FX tranżazzjonijiet *spot* u bil-quddiem inizjati f’sena 1 bid-data tal-ħlas *spot* tat-tranżazzjoni fis-sena 2

<p>M’hemm bżonn ta’ l-ebda ftehim speċjali minħabba li t-tranżazzjonijiet huma mdaħħla fid-data tan-negozju, u qligħ u telf huma rikonoxxuti f’dik id-data</p>	<p>Għandhom ikunu ttrattati bħalliekieku taħt “metodu regolari” (?):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— FX bejgħ jiddaħħlu <i>off-balance sheet</i> f’sena 1 sabiex to report il-FX qligħ/telf realizzati fis-sena finanzjarja li fiha t-tranżazzjoni kienet miftiehma</li> <li>— FX xiri jiddaħħlu <i>off-balance sheet</i> f’sena 1 jaffettwaw l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-valuta barranija minn din id-data</li> <li>— Ir-rivalutazzjoni fi tmiem is-sena ta’ <i>holding</i> ta’ valuta għandha tikkunsidra xiri/bejgħ netti bid-data tal-ħlas <i>spot</i> fis-sena finanzjarja li jmiss</li> </ul>
--	--

Tranżazzjonijiet ta’ titoli -trattament matul is-sena

<p>Ix-xiri u l-bejgħ huma rikonoxxuti <i>off-balance sheet</i> fid-data tan-negozju. Il-qligħ u t-telf huma rikonoxxuti wkoll f’din id-data. Fid-data tal-ħlas l-entrati <i>off-balance sheet</i> huma mreġġa’ lura, u jiddaħħlu entrati <i>on balance sheet</i> (i.e. l-istess trattament bħal FX tranżazzjonijiet <i>spot</i>)</p>	<p>It-tranżazzjonijiet kollha huma rreġistrati fid-data tal-ħlas (imma ara hawn taħt għal trattament fi tmiem il-perjodi). Konsegwentament l-impatt fuq il-prezzijiet medji (fil-każ ta’ xiri) u qligħ/telf (fil-każ ta’ bejgħ) huwa rikonoxxut fid-data tal-ħlas</p>
--	---

Tranżazzjonijiet ta’ titoli inizjati fl-sena 1 bid-data ta’ ħlas *spot* tat-tranżazzjoni f’sena 2

<p>M’hemm bżonn ta’ l-ebda ftehim speċjali minħabba li huma jkunu mdaħħla diġà fid-data tan-negozju</p>	<p>Qligħ u telf realizzati huma rikonoxxuti f’sena 1 fi tmiem il-perjodu (i.e. l-istess trattament bħal FX tranżazzjonijiet <i>spot</i>), u x-xiri huwa inkluż fil-proċess ta’ rivalutazzjoni fi tmiem is-sena <sup>(3)</sup></p>
---	---

(1) “FX” ifisser kambju.

(2) Bħas-soltu, il-prinċipju ta’ materjalita jista’ jiġi applikat fejn dawn it-tranżazzjonijiet m’għandhom l-ebda impatt materjali fuq il-pożizzjoni tal-valuta barranija u/jew fil-kont tal-qligħ u t-telf.

(3) Il-prinċipju tal-materjalita jista’ jiġi applikat meta dawn it-tranżazzjonijiet m’għandhom l-ebda impatt materjali fuq il-pożizzjoni tal-valuta barranija u/jew fil-kont tal-qligħ u t-telf.



## ▼B

- 2.1. L-imgħax, il-*premium* jew l-iskont akkumulat relatat ma' l-istrument finanzjarju ddenominat f'valuta barranija huwa kkalkulat u mdaħħla kuljum, indipendentament mil-likwidità reali. Dan ifisser li l-pożizzjoni tal-valuta barranija hija affettwata meta dan l-imgħax akkumulat huwa mdaħħal, bil-kuntrarju ta' meta l-interess biss huwa riċevut jew imħallas<sup>(1)</sup>.
- 2.2. Akkumulazzjonijiet tal-kupun u amortizzazzjoni ta' *premium* jew skont huma kkalkulati u mdaħħla mid-data tal-ħlas tat-titoli sad-data tal-ħlas tal-bejgħ, jew sad-data tal-maturità.
- 2.3. It-tabella hawn taħt tenfasizza l-impatt tat-tidħil ta' l-akkumulazzjonijiet ta' kuljum fuq il-*holding* tal-kambju e.ż. imgħax pagabbli u *premiums/s-kontijiet* amortizzati:

---

BOOKING TA' KULJUM TA' IMGĦAX AKKUMULAT BĦALA  
PARTI MILL-METODU EKONOMIKU

---

*Accruals* għal FX strumenti ddenominati huma ikkalkulati u mdaħħla kuljum skond ir-rata tal-kambju tal-jum tar-reġstrar

---

Impatt fuq il-FX *holding*

---

*Accruals* jaffettwaw il-pożizzjoni tal-valuta barranija fil-ħin li huma mdaħħla, u mhux jitreggħu lura aktar tard. L-akkumulazzjoni hija kklerjata meta l-flus kontanti huma riċevuti jew imħallsa. Fid-data tal-ħlas għaldaqstant m'hemm l-ebda effett fuq il-pożizzjoni tal-valuta barranija, billi l-akkumulazzjoni hija inkluża fil-pożizzjoni li tkun qed tiġi vvalutata mill-ġdid fil-perjodu ta' rivalutazzjoni

---

<sup>(1)</sup> Żewġ metodi possibbli għar-rikonoxximent tad-dovuti ġew identifikati. L-ewwel metodu huwa "l-metodu tal-jum kalendarju" fejn id-dovuti huma rreġistrati kull jum kalendarju indipendentament minn jekk ġurnata hijiex ġurnata li taħbat fi tmiem il-ġimgħa (*weekend day*), xi btala tal-banek jew jum ta' negozju. It-tieni metodu huwa l-"metodu tal-jum ta' negozju" li fih id-dovuti huma huma *booked* biss f'jiem ta' negozju. M'hemm l-ebda preferenza fir-rigward ta' l-għażla tal-metodu. Madankollu, jekk l-aħħar jum tas-sena mhuwiex jum ta' negozju, għandu jkun inkluż fil-kalkulazzjoni tad-dovuti fi kwalunkwe metodu.

▼**B**

## ANNEX IV

KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TA' VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ <sup>(1)</sup>▼**M4**

## ATTIV

Partita fil-karta ta' bilanċ <sup>(1)</sup>		Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti fil-karta tal-bilanċ	Prinċipju ta' valutazzjoni	Skop tal-applikazzjoni <sup>(2)</sup>	
1	1	<b>Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb</b>	Deheb fiżiku, jiġifieri ingotti, muniti, platti, biċċiet tad-deheb mażżunin jew "under way". Deheb mhux fiżiku, bħal sight accounts tad-deheb (kontijiet mhux allokati), depożiti b'terminu fiss u talbiet għad-deheb li jirriżultaw mit-transazzjonijiet li ġejjin: (i) transazzjonijiet ta' titjib jew tnaqqis; u (ii) lokazzjoni tad-deheb u swaps tal-purita' fejn hemm differenza ta' aktar minn jum ta' negozju wieħed bejn ir-rilaxx u r-riċevuta	Valur tas-suq	Obbligatorju
2	2	<b>Talbiet kontra residenti barra ż-żona euro denominati f'valuta barranija</b>	Talbiet kontra kontropartijiet residenti barra ż-żona euro inklużi istituzzjonijiet internazzjonali u sovranzjonali u banek ċentrali barra ż-żona euro denominati f'valuta barranija		
2.1	2.1	<b>Ammonti riċevibbli mill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF)</b>	<p>(a) <i>Drittijiet ta' kreditu fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett)</i> Kwota nazżjonali mnaqqsa bil-bilanċi f'euro għad-dispożizzjoni tal-IMF. Il-kont Nru 2 tal-IMF (kont f'euro għal spejjeż amministrattivi) jista' jiġi inkluż taħt din il-partita jew taħt il-partita "Passiv fil-konfront ta' residenti barra ż-żona euro denominati f'euro"</p> <p>(b) <i>Drittijiet speċjali ta' kreditu</i> Investimenti bi drittijiet speċjali ta' kreditu (gross)</p> <p>(c) <i>Talbiet oħra</i> Ftehim ġenerali għas-self, self taħt kundizzjonijiet speċjali, depożiti fi ħdan il-qafas tal-Faċilita' għat-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir</p>	<p>(a) <i>Drittijiet ta' kreditu fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett)</i> Valur nominali, qlib bir-rata tal-kambju tas-suq</p> <p>(b) <i>Drittijiet speċjali ta' kreditu</i> Valur nominali, qlib bir-rata tal-kambju tas-suq</p> <p>(c) <i>Talbiet oħra</i> Valur nominali, qlib bir-rata tal-kambju tas-suq</p>	<p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p>

<sup>(1)</sup> L-għoti ta' informazzjoni fir-rigward ta' karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, ir-remunerazzjoni ta' krediti/debiti interni għall-Euro-sistema li jirriżultaw mill-allokazzjoni ta' karti tal-flus euro ġewwa l-Euro-sistema, u d-dħul monetarju għandhom ikunu armonizzati fir-rendikonti finanzjarji annwali u ppubblikati tal-BĊNi. L-elementi li għandhom jiġu armonizzati huma indikati b'asterisk f'Annexi IV, VIII u IX.

## ▼M4

Partita fil-karta ta' bilanċ (1)		Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti fil-karta tal-bilanċ	Prinċipju ta' valutazzjoni	Skop tal-applikazzjoni (2)	
2.2	2.2	<b>Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self barrani u attiv estern ieħor</b>	<p>(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-attiv "Attiv finanzjarju ieħor"</i> Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus iddepożitati minn-jum għal jum, transazzjonijiet trepo b'lura</p> <p>(b) <i>Titoli ta' investiment barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-attiv "Attiv finanzjarju ieħor"</i> Noti u bonds, kambjali, bonds zero, titoli tas-suq tal-flus, strumenti ta' ekwita' miżmumin bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti minn barra ż-żona euro</p> <p>(c) <i>Self barrani (depożiti) barra ż-żona euro li mhuwiex dawk taħt il-partita tal-attiv "Attiv finanzjarju ieħor"</i></p> <p>(d) <i>Attiv barrani ieħor</i> Karti tal-flus u muniti mhux taż-żona euro</p>	<p>(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro</i> Valur nominali, qlib bir-rata tal-kambju tas-suq</p> <p>(b) (i) <i>Titoli negozjabbli li ma jinżammux sal-maturità</i> Prezz tas-suq u rata tal-kambju tas-suq Kull premium jew skont jiġi amortizzat</p> <p>(b) (ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> L-ispiża suġġetta għall-indeboliment u r-rata tal-kambju tas-suq Kull premium jew skont jiġi amortizzat</p> <p>(b) (iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> L-ispiża suġġetta għall-indeboliment u r-rata tal-kambju tas-suq Kull premium jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(b) (iv) <i>Strumenti ta' ekwita' negozjabbli</i> Prezz tas-suq u rata tal-kambju tas-suq</p> <p>(c) <i>Self barrani</i> Depożiti skont il-valur nominali maqlubin bir-rata tal-kambju tas-suq</p> <p>(d) <i>Attiv barrani ieħor</i> Valur nominali, qlib bir-rata tal-kambju tas-suq</p>	<p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p>
3	3	<b>Talbiet kontra residenti taż-żona euro denominati f'valuta barranija</b>	<p>(a) <i>Investimenti f'titoli ġoż-żona euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-attiv "Attiv finanzjarju ieħor"</i> Noti u bonds, kambjali, bonds zero, titoli tas-suq tal-flus, strumenti ta' ekwita' miżmumin bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti ta' ż-żona euro</p>	<p>(a) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq u rata tal-kambju tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(a) (ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> Spiża suġġetta għall-indeboliment u għar-rata tal-kambju tas-suq Kull premium jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(a) (iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Spiża suġġetta għall-indeboliment u għar-rata tal-kambju tas-suq Kull premium jew skont jiġi amortizzat</p> <p>(a) (iv) <i>Strumenti ta' ekwita' negozjabbli</i> Prezz tas-suq u rata tal-kambju tas-suq</p>	<p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p>

## ▼M4

Partita fil-karta ta' bilanċ (1)		Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti fil-karta tal-bilanċ	Prinċipju ta' valutazzjoni	Skop tal-applikazzjoni (2)	
		(b) <i>Talbiet oħra kontra residenti taż-żona euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-attiv "Attiv finanzjarju ieħor"</i> Self, depożiti, transazzjonijiet ta' xiri temporanju ta' assi, self varju	(b) <i>Talbiet oħra</i> Depożiti skont il-valur nominali maqlubin birrata tal-kambju tas-suq	Obbligatorju	
4	4	<b>Talbiet kontra residenti minn barra ż-żona euro denominati f'euro</b>			
4.1	4.1	<b>Bilanċi ma' banek, investimenti f'titoli u self</b>	(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-attiv "Attiv finanzjarju ieħor"</i> Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus iddepożitati minn-jum għal jum.. Transazzjonijiet repo b'lura marbutin mal-amministrazzjoni ta' titoli denominati f'euro	(a) <i>Bilanċi ma' banek barra ż-żona euro</i> Valur nominali	Obbligatorju
		(b) <i>Investimenti f'titoli barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-attiv "Attiv finanzjarju ieħor"</i> Strumenti ta' ishmar azzjonarji, noti u bonds, kambjali, bonds żero, titoli tas-suq tal-flus, kollha maħruġin minn residenti minn barra ż-żona euro	(b) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> <i>Prezz tas suq</i> Kull primjum jew skont jiġi amortizzat  (b) (ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> Kull premium jew skont jiġi amortizzat  (b) (iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Spiża suġġetta għall-indeboliment Kull premium jew skont jiġi amortizzat  (b) (iv) <i>Strumenti ta' ekwita' negozjabbli</i> Prezz tas-suq	Obbligatorju  Obbligatorju  Obbligatorju	
		(c) <i>Self barra ż-żona euro li mhuwiex dak taħt il-partita tal-attiv "Attiv finanzjarju ieħor"</i>	(c) <i>Self barra ż-żona euro</i> Depożiti skont il-valur nominali	Obbligatorju	
		(d) <i>Titoli li mhumiex dawk taħt il-partita tal-attiv "Attiv finanzjarju ieħor", maħruġin minn entitajiet minn barra ż-żona euro</i> Titoli maħruġin minn organizzazzjonijiet sovranazzjonali jew internazzjonali eż il-Bank Ewropew għall-Investment, irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom	(d) (i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi amortizzat  (d) (ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> Kull primjum jew skont jiġi amortizzat  (d) (iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> L-ispiża suġġetta għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorju  Obbligatorju  Obbligatorju	

## ▼M4

Partita fil-karta ta' bilanċ <sup>(1)</sup>			Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti fil-karta tal-bilanċ	Prinċipju ta' valutazzjoni	Skop tal-applikazzjoni <sup>(2)</sup>
4.2	4.2	<b>Talbiet li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt I-ERM II</b>	Self skont il-kundizzjonijiet tal-ERM II	Valur nominali	Obbligatorju
5	5	<b>Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominat f'euro</b>	Partiti 5.1 sa 5.5: transazzjonijiet skont l-instrumenti ta' politika monetarja rispettivi deskritti fl-Anness I għal Linja Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu 2000 dwar l-instrumenti ta' politika monetarja u l-proċeduri tal-Eurosistema <sup>(3)</sup>		
5.1	5.1	<b>Operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament</b>	Transazzjonijiet irriversjati regolari li jipprovdu l-likwidità ta' kull ġimgħa u li għandhom maturità ta' ġimgħa	Valur nominali jew spiża repo	Obbligatorju
5.2	5.2	<b>Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal</b>	Transazzjonijiet irriversjati regolari li jipprovdu l-likwidità ta' kull xahar u li normalment għandhom maturità ta' tliet xhur	Valur nominali jew spiża repo	Obbligatorju
5.3	5.3	<b>Operazzjonijiet ta' rfinar b'lura</b>	Transazzjonijiet b'lura, esegwiti ad hoc għal finijiet ta' rfinar	Valur nominali jew spiża repo	Obbligatorju
5.4	5.4	<b>Operazzjonijiet strutturali b'lura</b>	Transazzjonijiet b'lura li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju	Valur nominali jew spiża repo	Obbligatorju
5.5	5.5	<b>Faċilita' ta' self marġinali</b>	Faċilita' ta' likwidità minn jum għal ieħor b'rata ta' imġax speċifikata minn qabel fuq attiv eliġibbli (faċilita' permanenti)	Valur nominali jew spiża repo	Obbligatorju
5.6	5.6	<b>Kreditu relatati ma' għid marġinali</b>	Kreditu addizzjonali lil istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw minn żidiet fil-valur tal-attiv sottostanti fir-rigward ta' kreditu ieħor lil dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu	Valur nominali jew spiża	Obbligatorju
6	6	<b>Talbiet oħra kontra istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona euro denominati f'euro</b>	Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus minn jum għal jum, transazzjonijiet repo b'lura b'raba mal-amministrazzjoni ta' portafolli ta' titoli taħt il-partita tal-attiv "Titoli ta' residenti taż-żona euro denominati f'euro", inklużi transazzjonijiet li jirriżultaw mit-trasformazzjoni tar-riżervi ta' qabel ta' valuta barranija taż-żona euro u talbiet oħra. Kontijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux domestiċi fiż-żona euro. Talbiet oħra u operazzjonijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Kull talba li tirriżulta minn operazzjonijiet ta' politka monetarja mibdijin minn BĊN qabel ma ssieħeb fl-Eurosistema	Valur nominali jew spiża	Obbligatorju
7	7	<b>Titoli ta' residenti fiż-żona euro denominati f'euro</b>			
7.1	7.1	<b>Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja</b>	Titoli maħruġin fiż-żona euro u miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja. Ċertifikati	(i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i>	Obbligatorju

## ▼M4

Partita fil-karta ta' bilanċ (1)		Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti fil-karta tal-bilanċ	Prinċipju ta' valutazzjoni	Skop tal-applikazzjoni (2)	
		ta' dejn tal-BĊE mixtrijin għal finijiet ta' rfinar	<p>Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi amortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> Spiża suġġetta għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi amortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Spiża suġġetta għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi amortizzat</p>	<p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p>	
7.2	7.2	<b>Titoli oħra</b>	<p>Titoli minbarra dawk taħt il-partita tal-attiv 7.1 "Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja" u taħt il-partita tal-attiv 11.3 "Attiv finanzjarju ieħor"; karti tal-flus u bonds, kambjali, bonds zero, strumenti tas-suq tal-flus miżmumin għal kollox, inklużi titoli tal-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UEM, denominati f'euro. Strumenti ta' ekwita'</p> <p>(i) <i>Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi amortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> Spiża suġġetta għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi amortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli mhux negozjabbli</i> Spiża suġġetta għall-indeboliment Kull primjum jew skont jiġi amortizzat</p> <p>(iv) <i>Strumenti ta' ekwita' negozjabbli</i> Prezz tas-suq</p>	<p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p> <p>Obbligatorju</p>	
8	8	<b>Dejn ġenerali tal-gvern denominat f'euro</b>	Talbiet lill-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UEM: (titoli mhux negozjabbli, self)	Depożiti/self skont il-valur nominali, titoli mhux negozjabbli skont il-prezz tagħhom	Obbligatorju
